NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Nru. 115** **Lulju - Settembru 2024**



## F'din l-edizzjoni...



**2**
**L-Eċċelenza Tagħha Miriam Spiteri Debono, President ta' Malta**
*Awguri*



**4**
**Is-Sur Peter Paul Bonnici**
*Indirizz*

# Awguri lill-Eċċelenza Tagħha Myriam Spiteri Debono President ta' Malta



Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jawgura lin-Nutar Myriam Spiteri Debono għall-kariga ġdida tagħha bħala President ta' Malta.

Myriam Spiteri Debono twieldet u trabbiet ir-Rabat, Għawdex. Wara li attendiet l-iskejjel tal-Istat, hija daħlet l-Università ta' Malta minn fejn iggradwat, l-ewwel, fil-Letteratura u l-Lingwista Ingliża u, iktar tard, bħala Nutar Pubbliku. Infatti, dak iż-żmien, Myriam Spiteri Debono kienet waħda mill-ewwel nisa li rnexxielhom jieħdu l-professjoni ta' nutar u dan fi żmien meta kien ferm iktar diffiċli għal mara li tagħmel hekk.

Matul iż-żmien, Myriam Spiteri Debono kienet involuta f'diversi entitajiet. Kienet *Chairperson* tal-Bord tal-Koperattivi, Membru tal-Kummissjoni għall-*Gender Equality* kif ukoll *Chairperson* tal-*Press Ethics Commission*. Wara, Myriam Spiteri Debono bdiet tieħu sehem iktar attiv fl-isfera politika; qasam li kien ilu mrawwem fiha sa minn meta kienet għadha studenta, u qattgħet sittax-il sena fl-Eżekuttiv tal-Partit Laburista. Għal ħafna snin, hija kienet ukoll is-Segretarju Ġenerali u anki l-President tal-Għaqda Nisa Laburisti. Bejn 1996 u 1998, in-Nutar Myriam Spiteri Debono kienet fdata bil-kariga ta' *Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Hija pparteċipat f'diversi konferenzi barra minn Malta u kien hemm drabi meta hija kienet magħżula biex tmexxi l-istess konferenzi. Bejn l-2009 u l-2024, Myriam Spiteri Debono kienet Membru tal-Bord responsabbli għar-rakkomandazzjonijiet għall-għoti tal-onorofiċenzi għall-Qadi tar-Repubblika.

Fil-ħajja privata tagħha, Myriam Spiteri Debono kienet nutar pubbliku prattikanti, mara miżżewġa, omm ta' tlett itfal u, illum, hija wkoll in-nanna ta' erba' neputijiet.

Nawgurawlek Eċċellenza.




**DAWK LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN SITTIN SENA JISTGĦU JAPPLIKAW B'XEJN FUQ IL-FORMOLI PROVDUTI MILL-KUNSILL LOKALI TAGĦHOM**

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Josiah Grech, Mary Mangion u Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Lino Debono

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju:**
Emanuel Grima

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Anthony De Giovanni

**Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:**
Mary Mangion

**Ass. U.R.P.:**
Alfred Mallia

**Membri:**
Saviour Attard
Louise Azzopardi
Emanuel Deguara
Paul Muscat

**Membri Co-Opted:**
Pawlu Caruana
Mary Farrugia

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

## *EDITORJAL*



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Ġurnal prominenti Amerikan għamel esperiment interessanti biex jipprova juri x'japprezzaw u x'ma jistmawx in-nies u f'liema ċirkustanzi u għaliex. Wieħed mużiċist intbagħat idoqq il-vjolin tiegħu f'wieħed mill-istazzjonijiet tal-ferrovija ta' taħt l-art li hemm fi New York. Eluf kbar ta' nies għaddew minn maġenbu imma baqgħu sejrin u lanqas biss taw kas tiegħu. Kienu tassew ftit dawk li ndenjaw ruħhom jieqfu jisimgħuh għal ftit mumenti u xi tnejn minnhom biss kienu dawk li ċapċpu. Ftit ieħor tefgħu xi ħaġa żgħira tal-flus fil-kaxxa tal-vjolin li l-mużiċist kellu miftuħa quddiemu. Dakinhar, il-vjolinist bilkemm ġabar tletin dollaru għall-isforzi tiegħu.

Ħadd ma kien jaf imma dak il-mużiċist ma kien ħadd għajr Joshua Bell; wieħed mill-aqwa vjolinisti fid-dinja. F'dak l-istazzjon taħt l-art, Joshua Bell daqq uħud mill-iktar biċċiet mużikali kkomplikati li qatt inkitbu u daqqhom bi vjolin li jiswa tliet miljuni u nofs dollari Amerikani.

Jumejn qabel ma Joshua Bell daqq fis-*subway*, il-biljetti, li kienu jiswew madwar mitt dollaru l-wieħed, għal kunċert tal-istess Joshua Bell f'wieħed mit-teatri famużi ta' Broadway inħatfu kollha f'inqas minn siegħa.

L-esperiment wera li anki dak li hu straordinarju, jekk tpoġġih f'ambjent ordinarju, ma jkunx apprezzat. Anzi, ħafna drabi, huwa injorat u sottovalutat. Tiskanta imma n-nies lesti jħallsu mitt dollaru, u anki iktar, għal kunċert ta' mużika klassika ġewwa teatru imma, imbagħad, jekk l-istess mużika toffrihielhom b'xejn fis-*subway* tal-*metró*, ma jistmawhiex u ma jkunux iridu jafu biha. L-esperiment juri wkoll li, ħafna drabi, aħna nagħtu valur lil oġġett skont il-prezz li nkunu mitlubin inħallsu għalih. Ħafna huma dawk in-nies li huma lesti jixtru par żarbun immarkat li jiswa mija u għoxrin ewro. Imma, jekk l-istess par żarbun toffrihulhom għal ħmistax-il ewro biss, ibqa' ċert li ma jkunux iriduh għax jgħidulek li dak bilfors li mhux tajjeb għax irħis. U, kif jgħid il-Malti, l-irħis għali!

L-istess jista' jingħad għall-bnedmin. Madwarna, hawn kemm trid nies kapaċi u li għandhom ħafna talenti kbar imma li ma jingħatawx ir-rikonoxximent, l-istima u l-ħlas li tassew jixirqilhom. Imma mbagħad, jekk jirnexxilhom jinqalgħu mill-ambjent ordinarju li jkunu fih u jarmaw ruħhom b'ħafna kunfidenza flimkien ma' ftit xinxilli li jgħammxu l-għajnejn, arahom fis jikbru fl-istatura, fl-istima u fl-appoġġ li jiksbu u fil-ħlas li jingħataw.

Din għandha tkun ukoll ta' tagħlima għalina lkoll; kbar u żgħar. Kull wieħed u waħda minna għandu jkun jaf sew x'jiswa. Jekk fil-qalb ta' qalbek jiġi x'jgħidlek li, fejn int, kif int u ma' min qiegħed jew qiegħda m'intix apprezzat biżżejjed kif jixraq, agħmel bħalma qal l-Appostlu, Missierna, San Pawl; qum daqsxejn fuq tiegħek, neħħi l-qorq minn riġlejk, farfru mit-trab li jkun fih u mur fejn taħseb li tista' tkun valutat u apprezzat aħjar.
Issa nittama li ma niżvujtax nofs id-djar tal-anzjani!
Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.




# INDIRIZZ
# MIS-SUR PETER PAUL BONNICI
# President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Waqt l-Assemblea Ġenerali Annwali tal-Kunsill li saret fit-12 t'April 2024**

Nagħti l-għodwa t-tajba lil preżenti u nilqa' fostna għall-ewwel darba s-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanitá Attiva, Dr. Malcolm Paul Agius Galea, *Shadow Minister* għall-Anzjanitá Attiva Dr. Paula Mifsud Bonnici u inthom ilkoll li onorajtuna bil-preżenza tagħkom.

Dejjem ngħożżu s-suġġerimenti tagħkom l-aktar fejn l-*AGEISM*, jew xi forma diskriminatorja, terfa' rasha u nagħmlu minn kollox biex il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jkun preżenti ħa jiġbed l-attenzjoni tal-awtoritá sabiex issir ġustizzja mal-Anzjan.

Hekk kien ġara fil-każ tal-pensjonanti, magħrufa tas- 62+, li l-anomaliji ġew miġbuda l-attenzjoni dwarhom fl-Lulju 2023 waqt Seminar li tella' l-Kunsill, fejn matulu ġew spjegati fid-dettall. Aġġustamenti ġew rikonoxxuti li kellhom jidħlu fis-seħħ, li ġew aċċettati u sussegwentement inklużi fil-Baġit f'Ottubru 2023. Kif fil-fatt ġara.

Dan kollhu kien possibbli bl-appoġġ li l-KNA jgawdi mill-membri u l-Organizzazzjonijiet Affiljati, li kienu ta' sostenn validu b'appoġġ kontinwu. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jew KNA dejjem saħaq u ippromwova l-Anzjanitá Attiva b'kull mezz ta' komunikazzjoni possibli fejn, il-bażi tibqa' dejjem, iffokata fuq

- **Is-saħħa fiżika u dik mentali**
- **It-tagħlim għal tul il-ħajja**
- **Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet fil-komunitá**
- **U sigurtá fl'ambjent li tgħix fih**

Hawnhekk wieħed ma jridx iħalli barra l-possibbiltá li l-Anzjan jissokta b'ħidma fid-dinja tax-xogħol, dejjem fejn saħħtu jew saħħitha tippermetti. Sforzi żejda fis-saħħa jwasslu bla dubju għal problemi, li ħadd ma jrid, speċjalment l-anzjan. Dejjem bis-salvagwardji fejn id-drittijiet u d-doveri għandhom jitħarsu.

- **<u>Is-saħħa fiżika u dik mentali</u>**

Illum kulħadd konxju mis-saħħa tiegħu/tagħha u jittieħdu dawk il-miżuri biex l-ikel ikun imsejjes fuq dieta Meditterranja, ibbażata fuq ħaxix, frott lokali u ħut. M'hemmx għalfejn ngħidu l-ħtieġa li niċċekkjaw saħħitna mil-lat mediku u nieħdu pariri utli għat-tisħiħ tal-benesseri tagħna, ħa ntawlu ħajjitna kif mixtieq.

Il-KNA ta l-kontribut tiegħu fit-tfassil tal-iStrateġija Nazzjonali fuq id-Dimenzja, li trid tiġi implementata fuq medda ta' seba' snin.

- **<u>It-tagħlim għal tul il-ħajja</u>**

Il-KNA dejjem jimbotta lill-membri tagħha biex bħalma l-ġisem għandu bżonn il-kaloriji, tant ieħor il-moħħ li taqblu miegħi żgur, jeħtieġ dawk l-istimoli mentali li joffri t-tagħlim tul il-ħajja (jew aħjar magħruf bħala *lifelong learning*).

- **<u>Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet fil-komunitá</u>**

Dawn saru popolari f'kull Belt u Raħal f'Malta, kif ukoll F'Għawdex. U din il-forma ta' Anzjanitá Attiva, tgħin fid-dinjitá u l-benesseri tal-persuna.

- **<u>Sigurtá fl-ambjent li tgħix fih</u>**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, dejjem jisħaq mal-anzjani tagħna, biex ikunu viġilanti għal xi muviment suspettuż fil-lokalitá tagħhom li jqanqal suspetti ta' xi attivitá illeġali. Il-KNA jħeġġeġ l-anzjani, li wara ċertu ħin, ma jibqgħux barra waħedhom. U jekk ikun meħtieġ dan il-ħruġ, ikunu ta' żewġ persuni jew aktar.

Hawnhekk nixtieq nagħmel referenza għan-*Neighbourhood Watch* li jeħtieġ tkun estiża kull fejn hemm bżonn.

M'għandix dubju, tiftakru fil-Plenarja ġol-Parlament fl-2022 fil-ġimgħa ddedikata lil ANZJAN fejn matulha, il-KNA ngħata rikonoxximent minn *Mr. Speaker,* li fuq bażi Nazzjonali l-KNA kellu jingħata rappreżentanza tal-**ANZJAN** fl-MCESD, fejn kif tafu, jiġu diskussi temi li japplikaw għal kull qasam tal-isferi varji tal-ekonomija. Nisperaw li fil-futur qarib, l-ANZJAN jieħu postu u jipparteċipa għad-deċiżjonijiet li jolqtuh

**<u>L-*AGE Platform* fi Brussell</u>**

Bħalissa l-KNA għandha Viċi *Chaiperson* bil-*Membership* fl-*AGE Platform* fi Brussell. U b'hekk, għandu kuntatt kontinwu, li kapaċi jinfluwenza ċertu deċiżjonijiet li jolqtu lill-Anzjani Maltin u Għawdxin.

**<u>Kummissarju għall-Anzjani</u>**

Wieħed ma jridx iħalli barra l-Kummissarju għall-Anzjani, li miegħu l-KNA b'rappreżentanza mall-Kummissjoni, ikollu djalogu kostruttiv, b'azzjonijiet li jittieħdu biex problemi jiġu indirizzati bħas-servizz li jingħata mill-Banek.

Imwaqqfa fl-1992, għal 32 sena, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jew KNA, dejjem iddisimina informazzjoni u prattiċi lit-22 Għaqda Affiljata miegħu sabiex suġġerimenti u servizzi jaslu. Ma rridx inħalli barra l-*Media* Soċjali, li f'dawn iż-żminijiet hi kruċjali li twassal informazzjoni f'ħin reali.

Wieħed ifakkar lil dawk l-anzjani li mhumiex *IT literate*. Il-Kunsill ħaseb ukoll biex jibgħatilhom il-Magażin uffiċjali bl-isem ta' '**L-Anzjan Illum'** li jitqassam wkoll fil-Kunsilli Lokali kollha kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

**<u>Oġġettivi għal matul 2024</u>**

Il-Kunsill qed jaħdem qatiegħ biex iwettaq żewġ punti li għal operat tal-Kunsill, huma ta' natura fundamentali għas-salvagwardja tal-ANZJAN.

L-ewwel wieħed hu l-inklużjoni tal-Anzjan, taħt Kapitlu II tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fejn tiġi garantita d-dinjitá tal-Anzjan, 'il bogħod minn kull DISKRIMINAZZJONI TAL-PRINĊIPJI.

It-tieni punt hu s-sehem effettiv tal-KNA fl-MCESD, fejn kif tafu, jiġu dibattuti temi li jolqtu direttament is-*Social Partners* u l-Ministeri kollha li b'xi mod jew ieħor jolqtu l-interessi tal-ANZJAN.

**<u>Għeluq</u>**

Wieħed irid jifhem li l-pensjonanti jiddependu fil-maġġoranza tagħhom mill-pensjoni li tul is-snin saru avvanzi. Biss dan il-proċess li hu flessibli u reżiljenti ħafna, irid jiġi aġġustat sabiex jirrifletti l-għajxien adekwat għal pensjonant, ħa jippermettilu dħul deċenti u dinjituż. Irridu nirrealizzaw li il-pensjonant hu dak li ħabrek biex sawwar Malta aħjar milli sabha. Dan hu l-wirt li ħallejna lil ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Grazzi

Peter Paul Bonnici
April 2024



# Kif ikun ikkalkulat id-Dħul Pensjonabbli ta' dawk li twieldu sas-sena 1961

***Kitba ta' Emanuel Deguara***

Ħbieb, kollegi anzjani u pensjonanti, għall-grazzja t'Alla għaddew tliet xhur oħra u qed nerġgħu niltaqgħu permezz ta' din il-ħarga tal-magażin, *L-Anzjani Llum*. Kif wegħedtkom fil-ħarga li għaddiet, issa jmissna nitkellmu fuq kif jinħadem id-dħul pensjonabbli ta' dawk li twieldu sas-sena 1961.

L-ewwel pass fil-kalkolu huwa li jkun determinat kemm kellu bolol il-pensjonant bħala impjegat (bolol klassi 1) u kemm kellu bolol bħala persuna li taħdem għal rasha jew li timpjega lilha nnifisha (bolol klassi 2 jew 3) fl-aħħar għaxar snin sħaħ ta' qabel is-sena li fiha jkun ser jibda jirċievi l-pensjoni. Jekk il-pensjonant ikun dejjem ħadem bħala impjegat fl-aħħar għaxar snin, il-bolol li jkollu jkunu kollha ta' klassi 1 u, għaldaqstant, il-pensjoni tinħadimlu fuq is-sistema ta' impjegat. Jekk il-pensjonant ikun dejjem ħadem bħala persuna li taħdem għal rasha fl-aħħar għaxar snin u jkun ħallas il-bolol ta' klassi 2, il-pensjoni tinħadimlu fuq is-sistema ta' persuna li taħdem għal rasha. Dawn huma l-iktar żewġ eżempji sempliċi imma, jekk pensjonant ikun ħadem parti mill-aħħar għaxar snin bħala impjegat u parti oħra mill-aħħar għaxar snin bħala persuna li taħdem għal rasha, iridu jingħaddu l-bolol klassi 1 u l-bolol klassi 2 separatament u, skont liema l-izjed li kellu, tinħadem fuq dik is-sistema; jew ta' impjegat jew ta' persuna li taħdem għal rasha. Jekk, aċċidentalment, ikollu bolol indaqs, kemm ta' klassi 1 u kemm ta' klassi 2 fl-aħħar għaxar snin, id-dħul pensjonabbli jinħadem biż-żewġ metodi u l-pensjonant jingħata dik ir-rata li tkun l-aktar vantaġġuża għalih.

Fit-tieni pass, wieħed irid jara s-sena li fiha twieled il-pensjonant skont ir-riforma fil-pensjonijiet tal-2006 kif jidher hawn taħt.

Min twieled sas-sena 1951, jittieħdu l-aħjar tliet snin konsekuttivi fl-aħħar għaxar snin;
Min twieled bejn l-1952 sal-1955, jittieħdu l-aħjar tliet snin konsekuttivi fl-aħħar ħdax-il sena;
Min twieled bejn l-1956 sal-1958, jittieħdu l-aħjar tliet snin konsekuttivi fl-aħħar tnax-il sena; u,
Min twieled bejn l-1959 sal-1961, jittieħdu l-aħjar tliet snin konsekuttivi fl-aħħar tlettax-il sena.

Ejja nġibu xi eżempji ta' xenarji differenti: Persuna li tkun dejjem ħadmet bħala impjegata u li ser tirtira din is-sena, jekk kellha l-paga dejjem tiżdied, l-aħjar tliet snin sħaħ huma l-2021, l-2022 u l-2023.

| **Sena** | **Paga bażika** | **Cola akkumulata** | **Total** |
|---|---|---|---|
| 2023 | 19600.00 | 836,94 | 20436,94 |
| 2022 | 19300.00 | 1554,55 | 20854,55 |
| 2021 | 19000.00 | 1899,31 | 20899,31 |

Fit-tabella murija hawn fuq, hemm kolonna oħra li turi ż-żidiet akkumulati għall-għoli tal-ħajja sas-sena 2024, is-sena li fiha ser tingħata l-pensjoni għall-ewwel darba, ħalli l-pagi kollha jkunu jirriflettu s-sena kurrenti. Mela, mal-paga 2023, tiżdied il-cola 2024; mal-paga 2022 tizdied il-cola 2023 u 2024; u, mal-paga 2021, tiżdied il-cola 2022, 2023 u 2024.

Mela, id-dħul pensjonabbli f'dan l-eżempju huwa t-totali tal-aħħar kolonna diviż bi tlieta:

(20436,94 + 20854,55 + 20899,31)/3 = 20730,27

Eżempju ieħor huwa ta' dawk li jkunu jħallsu l-ogħla bolla, il-bolla li tithallas fuq paga li hija iżjed jew daqs 20424.04 fis-sena:

| **Sena** | **Paga bażika** | **Cola akkumulata** | **Total** |
|---|---|---|---|
| 2023 | 31000.00 | 836,94 | 22000 |
| 2022 | 20900.00 | 1554,55 | 22000 |
| 2021 | 20424.04 | 1899,31 | 22000 |

Kif qed taraw, f'dan l-eżempju, peress li d-dħul bażiku magħdud maż-żieda tal-għoli tal-ħajja akkumulata jaqbeż is-salarju massimu ta' 22000 ghas-sena 2024, ir-riżultat huwa dak tas-salarju massimu li jista' jittieħed għal pensjoni.

Jonqos issa li noħorġu r-rata fil-ġimgħa tal-pensjoni. Biex nagħmlu dan, irridu nimmultiplikaw ir-riżultati rispettivi t'hawn fuq mar-riżultat tan-numru *average* tal-bolol li ħdimna fl-artiklu li deher fil-ħarġa ta' qabel din. Jekk nassumu li, fiż-żewġ eżempji li tajt, il-pensjonant ikun dejjem ħallas il-bolla, huwa jkun intitolat għal żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli; jiġifieri:

Eż. 1. (20730,27 x 2/3)/52 = Đ265.77 rata ta' pensjoni fil-ġimgħa.
Eż, 2. (22000,00 x 2/3)/52 = Đ282,04 rata ta' pensjoni fil-ġimgħa li, f'dan l-eżempju, tfisser il-pensjoni massima għas sena 2024.

It-tielet eżempju huwa ta' dawk li kienu jaħdmu għal rashom u ħallsu l-bolla ta' klassi 2 jew 3. F'dan il-każ, ma jittiħdux tliet snin biss konsekuttivi imma jittieħdu għaxar snin konsekuttivi diviżi b'għaxra. Għal kull sena, tiżdied ukoll iż-żieda tal-għoli tal-ħajja akkumulata.

Naħseb li, għal-lum, semmejna biżżejjed numri imma, għal min hu dilettant tan-numri, din li ġejja hija t-tabella taż-żidiet tal-għoli tal-ħajja akkumulati fuq medda ta' snin biex wieħed ikun jista' jaħdem eżempji oħrajn, jew li, forsi, ikunu japplikaw għalih, basta jkunu jirrigwardaw pensjoni li ser toħroġ għall-ewwel darba din is-sena, 2024.

| **Sena** | **Cola €** | **Cola akkumulata** |
|---|---|---|
| 2009 | €212.16 | €4659.47 |
| 2010 | €302.64 | €4447.31 |
| 2011 | €60.32 | €4144.67 |
| 2012 | €242.32 | €4084.35 |
| 2013 | €212.16 | €3842.03 |
| 2014 | €181.48 | €3629.87 |
| 2015 | €30.16 | €3448.39 |
| 2016 | €91.00 | €3418.23 |
| 2017 | €91.00 | €3327.23 |
| 2018 | €247.00 | €3236.23 |
| 2019 | €290.16 | €2989.23 |
| 2020 | €455.00 | €2699.07 |
| 2021 | €344.76 | €2244.07 |
| 2022 | €344.76 | €1899.31 |
| 2023 | €717.61 | €1554.55 |
| 2024 | €836.94 | €836.94 |

Minn qalbi, inselli għalikom u nawguralkom li tkomplu tgawdu r-Rebbiegħa u s-Sajf mimlijin bl-isbaħ affarijiet tal-ħajja, jiġifieri, is-saħħa u s-sliem



# Min jaf?

***Vincent Piccinino***

Ir-riħ kines l-irkejjen tal-mogħdija
U t-trab u l-weraq ħadhom xi mkien ieħor.
Fil-ġnien tirrenja biss il-geġwiġija
Tas-siġar ħadranin, siġar dellija.
Mitluq fuq bank; jitqabdu ħsibijieti
Konfuż, ma nafx fejn naqbad naghti rasi;
Niftakar fl-gheltijiet u fi ħtijieti,
Mitluf għal kull madwar, naħseb dnubieti.
Min jaf li kieku kelli nerġa' lura
U ħajja oħra ngħix, għal kollox ġdida?
Tgħid ħajti kienet tieħu l-istess sura?
Forsi, min jaf, kont nagħmel iktar kura?
Illum, li nħossha qrib tiegħi s-siegħa,
Naf li ta' xejn li nibqa' ntaqqal moħħi
Għax min jikriha jrid joqgħod għaliha;
Għalxejn nisħet it-triq li terraqt fiha.



# Il-Malti f'dawn l-aħħar mitt sena (it-tielet u l-aħħar parti)

***Kitba riċerkata minn għejun differenti magħmula minn Anthony Cardona bi tħejjija għal konferenza li kienet saret il-Junior College għall-ħabta tas-sena 2008***

**L-aġir soċjolingwistiku**

Fl-1989, sar studju mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università dwar x'tip ta' lingwaġġ jużaw l-istudenti universitarji. Ittieħed kampjun mill-istudenti tal-Arti u ieħor mill-istudenti tax-Xjenza u, meta ġew imqabbla t-tweġibiet, ħareġ it-tagħrif li ġej:

- Sittin fil-mija (60%) tal-ġuvintur fil-kors tal-Arti jitkellmu bil-Malti *standard* ma' ġuvintur ħbieb tagħhom li qegħdin fil-kors tax-Xjenza.
- Sittin fil-mija (60%) tal-ġuvintur fil-kors tax-Xjenza jitkellmu b'taħlita ta' Malti/Ingliż ma' ġuvintur ħbieb tagħhom li qegħdin fil-kors tax-Xjenza.
- L-istudenti tfajliet jużaw ħafna aktar l-Ingliż, jew taħlita ta' Ingliż/Malti, minn studenti ġuvintur.
- Sitta u tletin fil-mija (36%) tal-istudenti ġuvintur fil-kors tax-Xjenza jużaw l-Ingliż/Malti mat-tfajliet fil-kors tagħhom.
- Fost l-istudenti tfajliet fil-kors tax-Xjenza, hemm predominanza tal-Ingliż jew Ingliż/Malti fit-taħdit tagħhom.
- Il-ġuvintur fil-kors tal-Arti jużaw il-Malti *standard* ma' sħabhom ġuvintur imma jużaw l-Ingliż ma' sħabhom tfajliet.

Dawn l-osservazzjonijiet juru li t-tfajliet jużaw l-Ingliż aktar mill-ġuvintur għax huma aktar konxji mill-prestiġju soċjali marbut mal-funzjoni l-għolja tal-ilsien u jarawh bħala forma ta' sigurtà soċjali. Min-naħa l-oħra, il-ġuvintur huma aktar ċerti minnhom infushom fit-taħdit għax ivarjaw inqas mit-tfajliet meta jkunu f'sitwazzjonijiet differenti. Barra minn hekk, jista' jkun ukoll li l-ġuvintur iktar jistħu jużaw il-funzjoni l-għolja tat-taħdit mit-tfajliet għax jibżgħu li jiġu ttimbrati bħala effemminati. L-istudenti mid-disa' distrett (Sliema, San Giljan, St. Andrews u Kappara) jużaw ħafna aktar l-Ingliż jew Ingliż/Malti mill-istudenti minn distretti oħrajn u dan juri li l-lokalità ġeografika taffettwa wkoll.

L-istudju ta' Tonna/Saliba, li sar fl-1994, juri l-każ partikolari ta' raġel mir-Rabat, Malta. Ta' sittax-il sena, kien juża l-varjant Rabti. Laħaq *skilled manual labourer* mal-Gvern u, biex javvanza, tgħallem il-Malti *standard*. Meta ħa l-istat tiegħu, il-familja tal-mara kienu jużaw il-Malti *standard* u hu kompla juża l-i*standard* sakemm qata' kważi għal kollox id-djalett Rabti, ħlief ma' familtu u ma' xi ħbieb. Ta' tletin sena, tgħallem jaqra bl-Ingliż. Daħal għal xogħol aktar prestiġjuż u, ftit ftit, spiċċa juża varjetajiet differenti skont iċ-ċirkustanzi li jsib ruħu fihom:

Ma' ibnu l-kbir, juża taħlita ta' Malti *standard* u djalett;
Mat-tifel iż-żgħir, juża taħlita ta' Malti *standard* u Malti/Ingliż;
Mal-mara, juża l-Malti *standard*;
Ma' qrabatu, juża d-djalett Rabti; u,
Fuq ix-xogħol, juża d-djalett Rabti ma' sħabu li joqogħdu r-Rabat u l-Malti *standard* mal-*foreman* u l-ħaddiema l-oħrajn.

Imbagħad hemm każ partikolari ta' raġel ieħor; studju ta' Xuereb li sar fl-1995. Meta sar dan l-istudju, ir-raġel kellu tletin sena. Missieru minn dejjem kien jitkellem bil-Malti *standard*. Ommu kienet tuża d-djalett imma, wara ż-żwieġ, bdiet tnaqqas minnu u spiċċat tuża l-Malti *standard* hija wkoll. Meta kiber, dan ir-raġel iltaqa' ma' Għawdxija u, meta żżewġu, marru joqogħdu r-Rabat, Għawdex u, illum, huwa għalliem f'Għawdex stess. Għandhom żewġt itfal u, issa, fil-familja tiegħu għandu dawn iċ-ċirkustanzi lingwistiċi:

- Għall-bidu, il-qraba tal-mara kienu jkellmuh bl-i*standard* imma kienu jidhru li qed jagħmlu sforz. Allura, tgħallem id-djalett tagħhom u, illum, ikellimhom bid-djalett.
- Meta jiġi Malta għand qrabatu, ikellimhom bil-Malti *standard*.
- Mat-tfal, juża l-Malti/Ingliż imħallat u ma jridx li uliedu jitilgħu jitkellmu bid-djalett.
- F'sitwazzjonijiet formali, bħal meta jwieġeb it-telefon, jitkellem bil-Malti *standard*.
- L-iskola, juża l-i*standard* mal-Kap tal-Iskola u d-djalett ma' sħabu fl-*istaff room*. Però, jiddependi mill-argument

u, meta jitkellmu fuq xi suġġett akkademiku, juża l-i*standard*.
- Fil-klassi, waqt il-lezzjonijiet, juża l-Malti *standard* mat-tfal imma waqt il-*break*, juża d-djalett.
Dawn il-fatturi kollha jindikaw li l-individwu juża strateġija lingwistika meta jiġi biex jagħżel liema tip ta' lingwaġġ jadatta għas-sitwazzjoni li jkun fiha. X'aktarx li, meta jibdew jikbru, it-tfal ikollhom pressjoni soċjopsikoloġika biex jibdlu t-tip ta' lingwaġġ tagħhom għal wieħed aċċettat minn sħabhom, mentri l-kbar ivarjaw mill-funzjoni l-għolja għall-funzjoni l-baxxa meta jkunu rrabjati jew magħluqin fl-ambjent familjari tagħhom. U, bil-maqlub, ivarjaw mill-funzjoni l-baxxa għall-funzjoni l-għolja meta ma jħossuhomx komdi biżżejjed quddiem nies li ma jafuhomx.
Mill-istudju ta' Philip Dimech tal-1997, jidher li anki fl-istess raħal hemm il-varjazzjonijiet tal-istess djalett. F'Ħal Għaxaq, pereżempju, hemm varjazzjonijiet f'inħawi differenti tal-istess raħal, eżempju, norqod → *nirqot*, *nirqut*, *nurqut*, u anki *nurqot*.
Dimech segwa l-aġir soċjolingwistiku ta' raġel ta' erbgħa u għoxrin sena li kien jaħdem skrivan il-bank. Fi ċkunitu, kien juża biss il-varjetà Għaxqija. Meta beda jattendi l-*Junior Lyceum* barra mir-raħal, tgħallem juża l-Malti *standard*. Illum, kapaċi jaqleb il-varjetà lingwistika awtomatikament u, ġieli, mingħajr lanqas biss jinduna. Fil-fatt, għal dan il-kelliem, hemm għadd ta' possibiltajiet kif jista' jikkomunika:
- Jekk f'Ħal Għaxaq jiltaqa' ma' xi ħadd li mhux mir-raħal u li ma tantx jafu, jew li għandu ċerta stima lejh, bħal ngħidu aħna t-tabib, x'aktarx jitkellem b'varjetà Għaxqija rranġata b'influwenza kbira mill-Malti *standard*.
- Il-ħbieb tiegħu minn Ħal Għaxaq li jkellmuh bil-pulit, (imma li bejniethom jużaw id-djalett Għaxqi), ikellimhom bid-djalett xorta waħda għax jikkunsidra l-aġir lingwistiku tagħhom bħala ksuħata.
- In-nies li jkellmuh b'varjetà djalettali differenti minn dik tar-raħal tiegħu ma jsib ebda oġġezzjoni jikkomunika magħhom bil-varjetà Għaxqija.
- Meta jkun ma' xi ħadd li juża l-Malti *standard* f'sitwazzjoni familjari, ngħidu aħna d-dar tiegħu, ikellmu bl-i*standard*, imma mal-membri tal-familja juża d-djalett Għaxqi.
- Meta juża t-telefown biex mix-xogħol iċempel id-dar, jitkellem bl-i*standard* quddiem sħabu l-iskrivani tal-bank imma, meta ma jkun hemm ħadd viċin li jista' jisimgħu, juża d-djalett. Min-naħa l-oħra, jekk mid-dar iċempel ix-xogħol, dejjem juża l-Malti *standard*.
- Jekk f'xi okkażjoni barra mir-raħal ikun fil-kumpanija ta' kelliema li jużaw l-i*standard* u jersqu fuqu ħbieb minn Ħal Għaxaq u jkellmuh bid-djalett, jippreferi jweġibhom bl-i*standard*, avolja jħossu skomdu. Però, jekk man-nies li jkun magħhom ikollu ċerta kunfidenza, ma jiddejjaq xejn li lill-oħrajn iweġibhom bid-djalett.
Dawn l-istudji kollha jwasslu għall-fehma li kelliem għandu għadd ta' reġistri partikolari li jużahom b'ċerta strateġija kif ġej. Reġistru formali u ieħor familjari għal meta juża d-djalett kif ukoll reġistru formali u ieħor familjari għal meta juża l-Malti *standard*. Mela d-diglossja għandu ċerti kapaċitajiet lingwistiċi li jitgħallem jużahom skont il-ħtieġa tal-mument tat-taħdit. F'dan l-ambitu, l-ilsien qed jiftiehem bħala għodda komunikattiva li tiffunzjona b'modi differenti skont il-ħtiġijiet psikosoċjali tal-kelliem. Huwa l-individwu li jadatta ruħu għall-funzjonijiet tal-ilsien u, aktar kemm ikollu kompetenza fih, aktar jitgħallem jimmanipulahom faċilment.

**Għeluq - Il-kategoriji ta' kelliema**
Naħseb li taqblu miegħi li kulħadd għandu d-dritt jitrabba f'kultura familjari fejn l-għażla tat-tip ta' lingwaġġ tibqa' f'idejn l-individwu li jħossu komdu jesprimi ruħu b'mod ħieles u assolut. Imma wieħed ma jridx jinsa li, jekk jgħożż il-kultura tiegħu stess, ma jistax ma jħobbx l-ilsien Malti bil-varjetajiet kollha tiegħu mingħajr preġudizzju u, għaldaqstant, għandu jingħata spazju għall-kategoriji kollha ta' kelliema.
Illum issib li l-parti l-kbira tal-poplu Malti tgħallmu l-Malti *standard*, anki jekk ħafna nies fl-i*standard* tagħhom ikollhom it-timbru tad-djalett. Ngħidu aħna, in-nies tar-Rabat u dawk ta' Raħal Ġdid jitkellmu b'varjanti differenti tal-istess Malti *standard*. Imbagħad issib oħrajn li, għal xi raġuni, jużaw il-Malti/Ingliż imħallat jew l-Ingliż biss. Fil-fehma tiegħi, għad hemm preġudizzji soċjali marbutin mal-ilsien li jkun aħjar jekk jinqatgħu. Il-Malti u l-Ingliż għandna bżonnhom it-tnejn u t-tnejn tajbin. Jeħtieġ li nagħrfu kemm kibret il-qawwa komunikattiva tal-Malti, kemm fil-kitba kif ukoll fit-taħdit. Avolja saru passi ta' ġgant fl-iżvilupp tal-Malti *standard*, kemm fl-iskejjel, fuq il-mezzi tax-xandir, fil-gazzetti bil-Malti, fuq il-postijiet tax-xogħol, fid-djar tagħna u, tista' tgħid, kullimkien, xorta jsiru ħafna żbalji ta' traskuraġni fl-ortografija u tisma' tfal jitkellmu b'Malti mfarrak għax huma esposti għal sigħat twal quddiem il-midja soċjali bħall-*facebook*. Quddiem din is-sutwazzjoni, tibda titħasseb jekk, 'il quddiem, hux se jkollna ġenerazzjoni bilingwi jew semilingwi.
Għandna xorti li, f'din id-daqsxejn ta' gżira, għandna lsien li stagħna għax aċċetta fih elementi lingwistiċi minn ilsna oħrajn biex, b'dawn l-influwenzi interlingwali, baqa' jlaħħaq mal-ħtiġijiet tas-soċjetà kontemporanja. Saħansitra, illum, huwa wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, aktar għandna għalfejn nibżgħu għalih. Li wieħed jixtieq jara huwa li l-Malti jintuża sew kullimkien u rridu nkunu aħna li nħossu din ir-responsabbiltà. Ma rridux nispiċċaw ngħidu li aħna l-Maltin l-akbar għedewwa ta' lsienna stess! Forsi din tinstema' naqra goffa imma, fil-verità, għallinqas, jien hekk naħseb, minkejja li, bil-ħila tagħna stess, akkwistajna l-ħelsien politiku u poġġejna lil Malta fuq il-mappa tad-dinja tant li, illum, sirna nlaħħqu mal-iżviluppi politiċi, soċjali u ekonomiċi tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea li aħna nagħmlu parti minnha. Imma, psikoloġikament, għadna nbatu mill-mentalità kolonjali ta' qabel u nqisu lilna nfusna inferjuri minn pajjiżi akbar minna. Dan jaffettwana wkoll lingwistikament. Il-fatt li, f'dawn l-aħħar snin, kien hemm influss kbir ta' ħaddiema barranin li ġew jaħdmu f'Malta, kompla jżid l-użu tal-Ingliż fost ħafna Maltin u, naturalment, inaqqas l-użu tal-Malti, ma jfissirx li m'għandniex nagħmlu ħilitna kollha biex ngħożżu l-ilsien tagħna u nagħmlu kampanji edukattivi biex il-Malti, li jagħtina l-identità u jiddistingwina mill-bqija tal-pajjiżi ta' madwarna, nibżgħu għalih bħallikieku huwa ġawhra fil-Mediterran. Hekk kienu jgħidu ta' qabilna!



# Organista Dun Karm Xerri u l-kunċerti tiegħu fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann

***Kitba ta' Peter Paul Ciantar***

Illum li kbirt xi ftit fl-età, kultant noqgħod naħseb meta beda l-interess tiegħi fil-mużika. Naturalment, il-fatt li l-familja, minn naħa ta' missieri, dejjem kienu mdaħħlin fil-mużika, kien ta' siwi imma, illum, ngħid li l-ewwel imħabba tiegħi lejn il-mużika kienet meta kont nattendi għall-kunċerti li kien jagħti fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann l-organista, Dun Karm Xerri tan-Naxxar.

Niftakar tajjeb li kienu kunċerti li dejjem imlew il-Katidral. Wara l-kunċert, Dun Karm, (kif kien magħruf għax, fil-fatt, huwa kien ukoll Monsinjur Onorarju), kien joħroġ quddiem il-bieb ta' San Ġwann b'dik is-suttana sewda u mgħotti sew b'kowt iswed u, b'mod l-aktar umli, kien iwieġeb għall-apprezzament ta' dawk li kienu jmorru jisimgħuh. Dejjem sostnejt li l-kunċerti ta' Dun Karm żiedu ħafna l-apprezzament tal-mużika f'pajjiżna, l-aktar lejn id-daqq tal-orgni. Jien tal-fehma li l-kunċerti ta' Dun Karm iktar stimulaw fija l-apprezzament tiegħi lejn il-mużika u lejn dan l-istrument tal-Knisja. Dejjem nistqarr li l-orgni huwa fenomenali. Tkellimt kemm-il darba dwar l-artistrija kbira li l-organista jrid ikollu biex joħroġ il-ħsejjes sbieħ tal-orgni, qishom ta' xi orkestra.

Jien għamilt żmien nippreżenta dawn il-kunċerti minn wara l-altar maġġur tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann; l-aktar dawk tal-organista Joseph Caruana taż-Żejtun. Kont nimmeravilja ruħi nara l-organista jaqleb idejh minn tastiera għal oħra u b'riġlejh għaddejjin fuq tastiera oħra li jkollu taħt saqajh; qisu ballerin. Niftakar organista ieħor, Anthony Spiteri, magħruf bħala t-Toti, li kien jgħidli li, kieku n-nies preżenti jaraw l-organista jdoqq, kieku l-orgni u l-organista jkunu ferm iktar apprezzati. Dan għall-fatt li l-orgni huwa dejjem dak l-istrument moħbi u ma tara xejn minnu ħlief dawk is-sfafar kbar u żgħar tiegħu mwaħħlin mal-faċċata.

Infatti, fil-każ tal-Knisja Santa Katerina taż-Żejtun, tista' tara sewwa lill-organista jdoqq għax hemm kamera li tittrasmetti l-istampa għal fuq *screen*. Meta mort hemm nippreżenta kunċert ta' Caruana, dan apprezzajtu bis-sħiħ. Wara, għaraft ukoll li, fiż-Żejtun, hemm interess aktar minn parroċċi oħrajn lejn dan ir-re tal-istrumenti. Ngħiduha mingħajr tlaqliq, l-orgni jimla knisja b'dak il-ħoss divin li tħossu jwasslek sal-Bieb tal-Ġenna.

F'pajjiżna, hawn ħafna orgnijiet sbieħ, ta' valur u tajbin, l-aktar fil-knejjes antiki tagħna. Imma, ħasra li, ħafna minnhom, ma jiffunzjonawx. Forsi minħabba li ma jkunx hemm organista li jieħu interess personali fihom għax, bħal kull strument ieħor, jekk ma jindaqqx, l-orgni jiġġammja u ssirlu aktar ħsara milli ġid. Nagħmel appell biex nibżgħu għall-orgnijiet li għandna f'diversi parroċċi, l-aktar dawk antiki. Jiddispjaċini meta nkun f'xi parroċċa u jkun hemm orgni tajjeb ħafna li, għal xi raġuni jew oħra, ma jintużax u l-organista jġib wieħed żgħir miegħu taħt abtu, xi sintesajżer, u jdoqq lilu! Aktar u aktar minn hekk, tarahom deħlin il-knisja b'xi kitarra marbuta wara daharhom biex jakkumpanjaw il-vuċijiet, meta għandhom orgni bħal dak.

Imma llum iktar xtaqt nagħti tislima lill-organista Dun Karm Scerri tan-Naxxar milli nitkellem dwar l-apprezzament tiegħi lejn l-orgni għax, għalkemm l-istrumenti kollha sbieħ, ikolli nistqarr li l-orgni huwa l-istrument favorit tiegħi.

Nistqarr magħkom ukoll, (u din hija l-opinjoni tiegħi), li l-aħjar organisti fid-dinja huma l-Franċiżi. Nerġa' ngħid, din hija l-opinjoni personali tiegħi; tista' taqbel u tista' ma taqbilx. Imma, biex insostni l-argument tiegħi, ngħid ukoll li, meta kont qed infittex xi tagħrif dwar l-organista Dun Karm Xerri, sibt li huwa twieled fl-1905 u li, meta kien għadu daqsxejn ta' tfajjel ta' erbatax-il sena, mar Franza u kien hemm fejn, f'Ġunju tal-1903, kien ordnat qassis. Fi Franza, Dun Karm tħarreġ tajjeb fil-mużika sagra, l-aktar fid-daqq tal-orgni. Kien ukoll organista fis-Seminarju u fil-Katidral ta' Lucon. F'dan il-katidral, hemm orgni bi storja u ta' importanza kbira; orgni ta' valur kbir u Dun Karm kien l-organista tiegħu. Nassigurakom li mhix ħaġa faċli li tokkupa l-post ta' organista f'katidral hekk importanti jekk ma tkunx Franċiż. Jiġifieri, Dun Karm trawwem sew fl-ambjent tal-orgni għax il-Franċiżi jiġġennu għall-mużika tiegħu. Tidħol xhin tidħol f'katidral Franċiż, il-ħin kollu tisma' l-orgni għaddej. Iva b'mod sottili ħafna imma b'effett kbir li, mill-ewwel, idaħħlek f'xena li ġġiegħlek tħoss li dħalt fit-tempju tal-Mulej.

Dun Karm ta sehem kbir fil-qasam tad-daqq tal-orgni f'pajjiżna. Kienu ħafna dawk l-organisti Maltin li tgħallmu mingħandu. Huwa kien strumentali wkoll biex ikollna orgni ġdid fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Kulħadd jaf bil-ħoss u l-ħlewwa kbira ta' dan l-orgni li jagħmel lill-Katidral tagħna maestuż daqskemm tassew jixraqlu. Dun Karm kien wieħed li ħadem bla heda għall-mużika sagra f'Malta, kien *Maestro di Cappella* u anki kkompona xogħlijiet mużikali għall-orgni, fosthom, insemmi l-oratorju tiegħu, *San Gregorio Magno*. Fl-1960, Dun Karm Xerri kien onorat bit-titlu ta' *Chevalier des Palmes* **għall-ħidma li wettaq kemm fi Franza kif ukoll hawn Malta.**

L-organista Dun Karm Xerri kien jgħix fi Triq San Ġorġ, in-Naxxar. Miet fil-5 ta' Marzu, 1981, fl-età ta' sitta u sebgħin sena u ġie midfun fiċ-ċimiterju tal-istess raħal. Biex it-tifkira tiegħu tibqa' dejjem ħajja, f'April tal-1987, issemmiet triq għalih qrib fejn twieled u għex għal ħafna snin.



# RAPPORT AMMINISTRATTIV TAS-SENA 2023

## Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li saret fit-12 t'April 2024

Fis-sena 2023 il-Kunsill ipprova jżomm il-laqgħat tiegħu kull l-ewwel Tnejn tax-xahar, imma minħabba ċirkostanzi ta' xi membri li ma setgħux jattendu fil-jum ta' Tnejn, xi laqgħat kellhom isiru fi ġranet oħra. Saru b'kollox 11-il laqgħa għax t'Awwissu biss ma saretx, u laqgħa ta' Novembru saret ġewwa Għawdex. F'din il-mawra ġewwa Għawdex, apparti laqgħa tal-Kunsill, ġiet organizzata laqgħa mall-Isqof ta' Għawdex, fejn ġew diskussi ħafna temi ta› importanza speċjalment dawk li jolqtu lill-anzjani Għawdxin. Fosthom, Djar fejn jista' jikkomoda l-Anzjani Għawdxin, Ċentri Ta' Matul Jum, u *Night Shelters*.

Minn żmien għal ieħor kien ikun hemm ukoll laqgħat straordinarji minħabba li laqgħa ta' darba fix-xahar ma kienx jilaħaq ix-xogħol kollu. Apparti dan kien ikun hemm ukoll il-laqgħat tas-Sottokumitatati.

L-attendenza tal-membri għal-laqgħat matul is-sena kienet tajba. (ara Appendiċi A).

Il-Ħamis, 30 ta' Marzu 2023, kellha sirr l-ewwel elezzjoni biex jitilgħu erba' membri fuq il-Kunsill. Din ma saretx minħabba li l-Kunsill irċieva biss 4 nominazzjonijiet biss u awtomatikament dawn ġew Eletti minnufih.

Din l-elezzjoni kienet miftuħa għal 21 Għaqda/Assoċjazzjoni li huma Affiljati mal-Kunsill. Minn dawn il-21 Għaqda/Assoċjazzjoni rċivejna 9 formoli.

5 formoli bl-ismijiet tal-ħatriet li dawn skont l-Artiklu 3.1.2 tal-Istatut huma diġá Eletti; dawn kienu:
Żewġ membri minn Għaqdiet/Organizzazzjonijiet Poltiċi
**MANGION MARY** - APAN
**Dr. ANTHONY DE GIOVANNI** - VETERANI LABURISTI

Żewġ membri minn Għaqdiet/Organizzazzjonijiet Reliġjużi jew tal-Knisja
**ALFRED MALLIA** - CARITAS MALTA
**GRECH JOSIAH** - DJAR TAL-KNISJA GĦALL-ANZJANI

Membru wieħed minn Għaqdiet/Organizzazzjonijiet fil-Gzira ta' Għawdex
**FRANK MUMFORD** - ĦBIEB TAL-MORDA U TAL-ANZJANI F'GĦAWDEX
U 4 formoli għan-nominnazzjonijiet biex jitilgħu 4 membri fil-KNA, u għalhekk dawn ġew Eletti minnufih awtomatikament. Dawn kienu:

**ATTARD SAVOIUR** - (Ass. Membri U3E)
**BONNICI PETER PAUL** - (Għaqda tal-Pensjonanti – UHM)
**DEBONO LINO** - (Għaqda tal-Pensjonanti - GWU)
**MICALLEF GODWIN C.** - (Assoċjazzoni Nazzjonali tal-Pensjonanti – NAP)

Waqt l-Assemblea Ġenerali Annwali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani nżammet is-Sibt, 15 t'April 2023, fl-Istitut Kattoliku, Il-Furjana, saret elezzjoni oħra għal żewġ (2) Membri oħra minn dawk preżenti għal fuq il Kunsill skont subartikolu 3.1.3 tal-Istatut. Ġew nominati 4 persuni, Mary Farrugia, Pawlu Caruana, Raymond Cardona, u Emanuel Deguara. Ġew Eletti Raymond Cardona u Emanuel Deguara. Spjegazzjoni ta' din diġà tagħniha fil-Minuti li għadni kemm qrajt.

l-Erbgħa, 3 ta' Mejju 2023, saret l-ewwel Laqgħa tal-Kunsill bil-Membri l-ġodda, waqt il-Laqgħa saret il ħatra tal-Uffiċjali fuq il-Kunsill għas-Snin 2023-2025. B'voti unanimi l-Kunsill ġie ffurmat hekk:

| | |
|---|---|
| PRESIDENT | Peter Paul Bonnici |
| VIĊIPRESIDENT | Lino Debono |
| SEGRETARJU | Raymond Cardona |
| ASST SEGRETARJU | Emanuel Grima |
| TEŻORIER | Godwin C. Micallef |
| ASSITENTTEŻORIER | Josiah Grech |
| SEGRETARJU INTERNAZZJONALI | Anthony De Giovanni |
| UFFIĊJAL RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI | Mary Mangion |
| MEMBRI | Saviour Attard, Louise Azzopardi, |

Emanuel Deguara, Alfred Mallia, u Frank Mumford

EDITUR "L-ANZJANI LLUM''     Vincent Piccinino, (għalkemm mhux membru xorta aċċetta li jibqa' bħala Editur)

BORD EDITORJALI     Josiah Grech, Mary Mangion, Marica Attard Cassar u Nazju Abela, li għalkemm ma baqgħax membru fil-KNA xorta aċċetta li jibqa' fil-board Editorjali.

Sfortunatament xahar wara smajna bl-aħbar ta' niket li l-kollega tagħna fil-Kunsill, Nazju Abela, ħalla din id-dinja. Mulej Ghatih l-Għomor ta' Dejjem.

Il-President, is-Sur Peter Paul Bonnici, xtaq li jkun hemm żewġ karigi oħra. Wieħed fuq l-I.T., u ieħor fuq il-Pensjonijiet. Minħabba li mhumiex imnizzla fl-Istatut, il-kunsill il-ġdid iddiskuta u qabel li jinħatar Sottokumitat dwar I.T. li ser ikun:

Immexxi minn Josiah Grech     Propost minn Peter Paul Bonnici     Sekondat minn Saviour Attard

Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinħatar Sottokumittat rigward il-Pensjonijiet, u jkun:
Immexxi minn Emanuel Deguara     Propost minn Mary Mangion     Sekondat minn Josiah Grech



Il-President bagħat ittra ta' ringrazzjament lil dawk il-membri li ma baqgħux fil-Kunsill u 'l dawk li m'ghadhomx fil-kariga li kellhom. Ġie propost li nibagħtu ittra ta' stedina lil Pawlu Caruana u lil Mary Farrugia li ġew bħala *runners-up*, jekk jaċċettawx li jissieħbu mal-Kunsill bħala membri *Co-Opted*. Dawn mill-ewwel laqaw u aċċettaw l-proposta.

Tul dan il-perijodu ta' sena, il-President, is-Sur Peter Paul Bonnici flimkien mall-Eżekuttiv u l-Membri tal-Kunsill għamilna diversi ħidmiet, kuntatti, *surveys* u laqgħat ma' diversi entitajiet. Kellna diversi stediniet fejn attendejna għalihom bħal *seminars*, konferenzi mill-Partit Laburista kif ukoll mill-Partit Nazzjonalista.

Laqgħa mall-E.T., Dr. George Vella, il-President ta' Malta, laqgħat ta' kontinwità mall-Onor. Dr Jo Etienne Abela, MD, MP, Ministru għall-Anzjanità Attiva, fejn sibna appoġġ kbir minnu, mall-Onor. Dr Paola Mifsud Bonnici, LL.D, MP, Kelliema tal-Oppożizzjoni dwar Anzjanità Attiva u Servizzi fil-Komunità, u mall-Kummissarju tal-Anzjani, Prof. Godfrey La Ferla, fejn ilkoll sibna appoġġ u għajnuna minnhom. Laqgħat oħra li saru u li attendejna għalihom kienu ma' diversi Kumitati Parlamentari, Assemblei Ġenerali Annwali ta' Għaqdiet/ Assoċjazzjonijiet Affiljati mall-Kunsill, kif ukoll tal-*AGE Platform Europe*. Laqgħat oħra fejn Dr. Anthony De Giovanni, li huwa l-Viċi President tal-*AGE Platform* jattendi regolarment għalihom ġewwa Brussell.

Ħdimna biex intejbu u nżidu s-sit elettroniku billi naġġornaw dejjem il-*Website*, il-*Facebook* tal-Kunsill, kif ukoll *Instagram* u *Twitter,* u dan kollu grazzi lis-Sur Josiah Grech tal-hidma tiegħu fuq dan is-sit elettroniku.

Dawn kollha dejjem saru bil-kolloberazzjoni tal-membri tal-Kunsill fejn flimkien dejjem rajna kif intejbu il-kundizzjonijiet tal-Anzjani, u li fejn taw kontribut sew għalihom, kemm li attendew personalment jew b'mod virtwali kif ukoll irrispondew fuq l-*internet* jew bl-*emails*. Ta' min ifakkar li x-xogħol li jagħmlu l-membri tal-Kunsill isir b'sagrifiċċju u responsabbiltà kbira u fuq bażi volontarja.

Apparti dawn li semmejt, tul is-sena saru ħafna Sottokumitati bejn il-membri biex jaħdmu flimkien fuq diversi proġetti, u ħidmiet fil-Kunsill.

Ħidmiet partikolari kienu:
Laqgħat kontinwament mall-Onor. Andy Ellul, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, u ċ-*Chairperson* tal-MCESD il-Perit David Xuereb, rigward biex tiġi kkunsidrata li l-KNA tkun Membru fuq il-Kunsill Malti għal Żvilupp Ekonomiku u Soċjali – MCESD. Kif tafu f'Malta, l-anzjani jammontaw kwart ta' din il-popolazzjoni u għalhekk tajjeb li jkollona vuċi fl-MCESD. Wara ħafna taħditiet għamilna pass fejn ġejna aċċettati bħala *observers* għalissa. Issa qegħdin naħdmu biex bil mod il-mod inkunu membri. Il-President is-Sur Peter Paul Bonnici ġie mistieden jattendi laqgħa tal-MCESD.

Ħidma oħra kienet is-*Seminar* li l-KNA organizza fis-27 ta' Ġunju 2023, Pensjonijiet tal-*Pre 62* li kienet ġiet imsemmija **''Il-Pensjonijiet: Qabel 1962'',** fejn kienet miftuħa għal kulħadd, biex b'hekk il-kunsill ikun jista' jwassal l-ilmenti tiegħu iktar fil-miftuħ. Kienu mistiedna biex jitkellmu:
Il-Ministru Għall-Anzjanità' Attiva, l-Onor. Dr Jo Etienne Abela, MD, MP., li ma setax jattendi għax kien imsiefer,

Il-Ministru Għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, L-Onor. Dott. Michael Falzon, LL.D, MP., Is-*Shadow Minister*, l-Onor. Dr Paula Mifsud Bonnici, LL.D, MP, u Is-*Shadow Minister*, L-Onor. Is-Sur David Agius MP. Fuq il-Panel tkellmu wkoll Is-Sur Josef Vella, Kap Eżekuttiv tal-UĦM, is-Sur Josef Bugeja, Segretarju Ġenerali tal-GWU, u s-Sur Joseph M. Azzopardi, Segretarju Alleanza ta' Organizzazzjonijiet ta' Pensjonanti. Dr Anthony De Giovanni għamel Rapport ta' Seminar, li ġie ppubblikat fil-*Magazine* tal-Kunsill.

Wara dan is-*Seminar* saru diversi laqgħat mas-Sur Mark Musu rigward *Malta Pension Action Plan*.

*L-AGE Platform Europe* talbet l-għajnuna tas-Segretarju Internazzjonali tal-KNA Dr Anthony DeGiovanni u tar-Rappreżentant ta' Malta fil-Kunsil tal-*AGE* s-Sur Gaetan Naudi sabiex ikunu mobbilizzati l-Membri Parlamentari Ewropej Maltin fil-proċess ta' diskussjoni sew fil-Kumitat tat-Trasport, kif ukoll fil-Plenarja Parlamentari li kienet tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-Anzjani f'Direttiva ġdida dwar is-sewqan. Bil-ħidma tal-*AGE Platform* u l-*lobbying* speċjalment tal-MP Dr Josianne Cutajar, dawn il-miżuri diskriminatorji ma ġewx aċċettati mill-Parlament Ewropew.

Iżda billi din id-Direttiva kellha tersaq quddiem il-Kunsill tal-Ministri u billi dawn il-miżuri restrittivi kienu diġá imposti f'Malta sa mill-2007 fil-liċenzji tas-sewwieqa Maltin, il-KNA talab laqgħa mal-Uffiċċju tas-*CEO* ta' Transport Malta dwar id-*Driving Licence Directive*, ir-restrizzjonijiet eżistenti f'Malta u ħwejjeġ relatati bħal *Insurance* tas-sewqan u tas-safar.

Il-KNA ħadet ukoll sehem f'konsultazzjonijiet fosthom:

- Konsultazzjoni dwar id-Dimenzja
- Konsultazzjoni dwar l-istrateġija dwar il-Pensjonijiet
- Konsultazzjoni dwar l-Istrateġija dwar il-Povertà u l-Esklużjoni Soċjali

Saru diversi ħidmiet oħra kif ukoll suġġerimenti u attendenza mill-membri f'laqgħat fejn il-KNA kienet mistiedna:

- *Position Paper* għall-Baġit.
- Preżentazzjoni ta' punti għall-Istrateġija tal-Povertà
- Premju Anzjan tas-Sena
- *AGE Manifesto*
- MEUSAC
- *NCPE - National Commission for the Promotion of Equality*
- *Women Counc*il
- *MCVS -Malta Council for the Voluntary Sector*
- Caritas
- *The UN Open-ended Working Group on Ageing (OEWGA) Co-facilitators' intersessional questionnaire*

**Il-*Magazine* tal-Kunsill - 'L-Anzjani Llum'**

Dan il-*Magazine* bqajna nippublikawh kull 3 xhur bil-ħidma fejjieda tal-Editur is-Sur Vincent Piccinino, bl-għajnuna tas-Segretarja Amministarttiva s-Sinjura Marica Attard Cassar u l-Bord Editorjali. Dawn dejjem raw u ħadmu qatieħ biex dan il-*Magazine* jkun dejjem aktar attraenti, b'aktar paġni bil-kulur u jinqara aktar faċli minn fost l-anzjani u li jitqassam aktar attraenti u pulit. Apparti li wieħed jista' jsiebu fuq is-sit elettroniku wkoll.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni fejn nirringrazzja lil kontributuri li jiktbu fuq il-*Magazine* tal-kontribut li jagħtu bil-kitbiet tagħhom, kif ukoll lil dawk kollha li taw xi donazzjoni, kull qatra tgħodd. Issa aktar minn qabel fejn apparti l-karta u l-istampar dejjem jolgħew, kif wieħed jaf li kollox ma jibqax l-istess prezz, hemm il-posta li ġiet bi prezz ta' tliet darbiet iżjed milli konna nħallsu (Minn 18c kull *magazine* issa qegħdin inħallsu 56c kull *magazine* li nimpustaw).

Ma nistax nagħlaq mingħajr ma niżżi ħajr lill-membri kollha tal-Kunsill tax-xogħol siewi tagħhom u l-għajnuna li dejjem sibt minnhom fil-qadi ta' dmirijieti bħala Segretarju. U fl-aħħar, imma żgur mhux l-inqas, ħajr lis-Segretarja Amministrattiva, is-Sinjura Marica Attard Cassar, għax-xogħol u l-appoġġ li dejjem tagħti lill-Kunsill u l-għajnuna li jien personalment dejjem sibt minnha.

Grazzi
Raymond Cardona
Segretarju Onorarju









# In-negozjant iż-żgħir

***Storja ta' Anthony Said mill-Furjana***

L-Ingliżi jgħidu, *like father like son* u, jekk taf lil Toni Said, tifhem għaliex. Missier Toni kien aġent importatur u ibnu ħareġ jixbhu f'kollox; fid-dehra ta' wiċċu, fil-mod kif jitkellem, kif iġib ruħu u anki kif jilbes. Għalhekk, ħadd ma skanta meta Said iż-Żgħir, kif kienu jsejħulu l-klijenti ta' missieru, mar jgħinu fil-ħanut. Fis-sajf, kien ikun hemm ħafna xogħol filgħodu imma, waranofsinhar, in-negozju kien ikun kemxejn kajman u missieru kien iħallih waħdu.

"Jekk ikollok xi problema, ċempilli d-dar," kien jgħidlu. Kien nofs Lulju u, ftit wara li fetaħ il-ħanut, fit-tlieta ta' waranofsinhar, daħal Spiru ta' Ħaxxen. Toni kien jafu sew lil Spiru u kien wieħed mill-ftit klijenti li ma kienx iħobb jaqdi. Filwaqt li bosta klijenti kienu onesti u affidabbli, Spiru kien imħawwad, salvaġġ u jdum biex iħallas dejnu.



"Ġejt għal xi xogħol, Sur Said iż-Żgħir," qallu Spiru b'leħen għoli u b'riħa taqsam ta' sigarri fuqu.

"X'għandek bżonn, Spir," staqsa Toni li kien għoddu faga bir-riħa ta' tabakk maħruq li kellu Spiru.

"Għandi bżonn dawn," qallu l-ieħor waqt li newwillu biċċa karta bilkemm tinqara fejn kien ħarbex lista sħiħa. "Xi sħana għandek hawn! Kif tissaportiha dik l-ingravata ma għonqok?"

"Int kif ser tħallas, Spir?" staqsieh Toni li kien jaf kemm kien idu tqila.

"Mhux tagħmilli karta u nħallsek darb' oħra, sabiħ?" wieġbu.

"Ma nistax nagħtik xogħol jekk ma tħallasx ta' qabel," qallu Toni. "Ordni ta' missieri."

"U ejja! Kemm intom iebsin," għajjat Spiru, "dejjem tridu l-flus! Taf x'jiġrilu min hu moħħu fil-flus, hux, baħbuħ? Imur l-infern!"

"Ħa nċempel lil missieri," qallu Toni li ma kellux aptit argumenti. Spiru wkoll ma kellux aptit paroli u fajjarlu daqqa ta' ponn. Toni ma stenniex li Spiru kien ser jasal s'hawn! Id-daqqa ħadha dritt ġox-xedaq u nstabat mgħaxxex fuq is-siġġu ta' warajh. Spiru ħares lejh u tbissem.

"Ħallejtek stordut, Sur Said!" qal b'nofs daħka fuq fommu, "Basta bl-għonq illamtat u bl-ingravata!"

Waqt li Toni kien illuppjat, Spiru qabad żewġ kaxxi u mliehom b'kemm sab merkanzija tgħodd għalih. Imbagħad, refagħhom u mexa bihom lejn il-bieb. "Sellili għal dak ir-rgħib missierek!" qal hekk kif ħareġ mgħobbi mill-ħanut b'ħalqu mċarrat.

L-imsejken Toni dam biex ġie f'tiegħu u baqa' stordut sa filgħaxija. Missieru nkorla sew għal Spiru u dak il-klijent ma reġax rifes l-għatba tal-ħanut ta' Said!

Jekk, dakinhar, Toni ġie mqarraq, f'okkażjoni oħra ħadem iktar bil-għaqal.

"Ċempel wieħed, Pa, għax irid jurina xi xogħol," qal Toni jum wieħed filgħodu qabel ma hu u missieru telqu biex jifthu l-ħanut.

"Min hu? Tafu? U x-xogħol għandu?" staqsa missieru.

"Ċertu wieħed Xuereb," wieġeb Toni. "X'għandu sew ma nafx imma qalli li hu aġent ta' ħafna ditti tajbin."



"Inti ara x'għandu, Ton, imma, qabel tikkorda miegħu, għidli!" wissieh missieru. Toni ftiehem ma' dan Xuereb li jiltaqa' miegħu xi darba waranofsinhar, qabel jiftaħ il-ħanut għall-klijenti, ħalli jkunu għall-kwiet. Fis-siegħa u nofs ta' waranofsinhar tal-jum miftiehem, is-Sur Xuereb wasal fil-ħanut ta' Said. Toni daħħlu u għalaq il-bieb. "Hekk inkunu fil-kwiet, eh, xi tgħid Sur Xuereb?" qallu Toni.

"Aħjar, Sur Said," wieġeb l-ieħor u ħadu b'idejn xulxin. L-aġent poġġa l-bagalja fl-art u ħareġ xi karti. Toni baqa mpressjonat bil-lista ta' ditti prestiġjużi li kellu l-aġent.

"Issa jien urejtek id-ditti tiegħi, Sur Said," qallu l-aġent Xuereb, kollu arja, "xieraq li inti turini min huma l-fornituri tagħkom, mhux hekk?"

Toni nħasad. Dan ma kienx parti mill-ftehim tas-soltu għax kellu jkun Xuereb li joffri x-xogħol.

"Ma nistax ngħidlek min huma l-fornituri tagħna!" qal Toni b'serjetà kbira. "Dik informazzjoni kunfidenzjali!"

Hawnhekk, Xuereb inbidel kompletament. Qabad lil Toni minn spalltu u sabbtu fuq is-siġġu. Imbagħad, ħareġ pistola mill-but u għamilhielu ma moħħu. Toni għal ftit ma ħassux ħażin u berraq għajnejh iħares lejn il-pistola. Kien hemm li kkalma għax, mill-esperjenza li taħ missieru fl-armi, induna li l-pistola kienet replika kważi perfetta ta' pistola ta' veru u kienet tispara biss faqqaturi. Imma għamel tabirruħu li kien għadu mwerwer.

"Issa, Sur Said, aqbad l-informazzjoni fuq is-*suppliers* kollha tagħkom u poġġiha fil-bagalja tiegħi," ordna l-aġent imbruljun hekk kif resaq lura imma baqa' jżomm lil Toni fil-mira. Toni qabad fajl fejn kellu tagħrif fuq ditti li ma kinux għadhom jinnegozjaw magħhom u, b'rogħda finta, qala' l-karti minn ġol-fajl u poġġihom fil-bagalja kif ordnalu l-aġent.

"Dawk biss?' għajjat Xuereb, "Ejja, tini kollox għax inbattal dil-pistola fuqek!"

Toni fetaħ kexxun. Minnu, ħareġ xi karti oħra, u skartoċċ li ħeba qalb il-karti. Poġġa kollox ġol-bagalja imma, qabel telaq l-iskartoċċ minn idu, għafaslu il-*kaps*. Xuereb għalaq il-baġalja b'id waħda filwaqt li, bl-oħra, baqa' jipponta l-arma lejn Toni Said.



"Ħa nħallik, Sur Said," qal Xuereb b'daħka falza. "Taf kif ser infallikom, ja ċwieċ!"

Toni beda jittama li l-iskartoċċ jagħmel xogħlu sewwa. Kien skartoċċ mimli b'sustanzi splussivi u li jaħdem wara ftit sekondi; bħal *hand grenade*. Kimika kienet toħroġ wara li jingħafas il-*kaps* u tikkonsma dak kollu li tiġi f'kuntatt miegħu sa ma ssir it-taħlita u l-iskartoċċ jisplodi. Hekk kif is-Sur Xuereb kien ħiereġ, Toni ra li, mill-bagalja tal-aġent, kien ħiereġ sifja duħħan irqiq. L-iskartoċċ kien ħadem! L-aġent qarrieqi ħareġ mill-ħanut jitbissem imma, lanqas laħaq tbiegħed wisq, meta l-bagalja splodiet, għolliet lil dak il-ħajjen mill-art u tefgħetu mal-ħajt. Is-Sur Xuereb tkaxkar mal-ħajt u baqa' nieżel bilqiegħda fl-art, b'rasu titbandal, bl-isturdament li kellu fuqu.

"Għandi pjaċir bil-konoxxenza tiegħek, Sur Xuereb," qallu Toni bi tbissima ta' sodisfazzjon. Imbagħad, iddritta l-ingravata, daħal lura fil-ħanut u għalaq il-bieb!

# Żewġ minuti kollox

***F'żewġ minuti, l-anzjan attiv, Franky Piccinino, jirrakkonta tliet ċajtiet***

L-għalliema kienet qed tagħmel lezzjoni tal-Ġografija. Dendlet mappa tad-dinja daqshiex mal-*blackboard* u qalet: "Dennis, taf turina fejn qiegħda l-Amerka?" U Dennis qam minn postu, mar ħdejn il-*blackboard* u għamel sebgħu fuq l-Istati Uniti.
"Tajjeb wisq," qaltlu l-*Miss*. "Issa, Johnny, taf tgħidilna min sabha l-Amerka?"
"Mhux Dennis, Miss?" kien pront weġibha Johnny.

---

Nemla rifset iljunfant u, bil-ġentilezza kollha, qaltlu: "Skużani ta; mhux għax ridt irfistek!"
U l-iljunfant kien pront weġibha: "Ma ġara xejn! Ma stajtx kont jien?"

---

Wieħed anzjan issuspetta li l-mara tiegħu mhix qed tisma' u, allura, ried ikun ċert. Waqt li hi kienet fil-kċina, hu, b'ħanġra daqshiex, mill-kamra tas-sodda, staqsieha: "Marì, x'ser nieklu llum?" Imma hi ma weġbitux. Mar fil-kuritur u bl-istess leħen għoli, reġa' staqsieha: "Marì, x'ser nieklu llum?" u hi reġgħet ma weġbitux. Daħal ħdejha fil-kċina u għajjat: "Marì, x'ser nieklu llum?"
U Marì, b'fawra daqshiex fuqha, qaltlu: "Għidtlek tliet darbiet li stuffat ser nagħmel! Mela m'intix tisma'?"

# Lazzru u l-ġurnalisti

***Kitba ta' Carmen Dimech***



Fil-ħarġa numru 114 tal-Anzjani Llum, l-editur kiteb artiklu bl-Ingliż intitolat: *The five people you meet in heaven*. Ikolli nistqarr li kelli naqrah għal darba darbtejn għax, l-ewwel nett, mhux fil-vena solita tiegħu u, it-tieni, għax inħoss li dik il-kitba fiha ħafna x'wieħed jipprova jifhem ukoll. Però, appuntu għax aħna lkoll umani, xi ftit jew wisq, kollha nbatu bil-kurżità. U, forsi, l-iktar ħaġa li, xi darba jew oħra, ilkoll nistaqsu hija proprja: "Tgħid x'jiġri minna, wara li mmutu?"

Apparti l-fatt li l-fidi Kattolika li nħaddnu tagħmlilna ħafna kuraġġ, imma, bħalma jgħidu, ħadd qatt ma mar u reġa' ġie lura ħalli jgħidilna x'ra u x'esperjenza għadda minnha. Imma l-kelma 'ħadd' lanqas hija mija fil-mija korretta għax, ukoll bħalma jgħidu, għal kull regola, hemm l-eċċezzjoni. Apparti Ġesù Kristu, li qam mill-mewt, kien hemm ukoll il-famuż Lazzru. Allura, ngħid jien, ladarba l-bniedem għandu dan l-għatx kollu biex ikun jaf x'hemm wara din il-ħajja, lil Lazzru kif ħadd ma staqsieh: Fejn kont? X'rajt? X'esperjenza għaddejt minnha? Kont taf x'qed jiġri madwarek? Kont imqajjem jew kont rieqed? Stramba wkoll li ħadd mill-erba' Evanġelisti ma daħal f'dan l-aspett.

Fejn kienu l-ġurnalisti u l-paparazzi dak iż-żmien? Kif ma bbumbardjawhx bil-mistoqsijiet lil Lazzru, forsi kien jgħidilna? U kif ma xammewhiex *scoop* unika bħal din? Għax, s'issa, ħlief li xi wħud qalu li raw bħal dawl fit-tarf tal-mina ma smajniex. Għallinqas, hemm dawl; aħjar mid-dlam żgur għax jien tgħidx kemm nibża' fid-dlam.

Mid-dehra, hekk kif Lazzru fetaħ għajnejh, wara li feraħ xħin ra lil ħabib tiegħu, Ġesù, u wara li min jaf kemm irringrazzjah, nassumi li l-aktar ħaġa li ried kienet li jfittex imur lejn id-dar ħalli ħutu, Martha u Maria, jippreparawlu *full English breakfast* ta' veru għax, ngħiduha kif inhi, wara erbat ijiem ma jitrejjaqx, min jaf x'ġuħ kellu, miskin!

Minn banda, għal Lazzru, ħabat tajjeb li l-ġurnalisti ma ndunawx bih għax, kieku, min jaf kemm kien ikollu jdum iwieġeb għall-mistoqsijiet tagħhom qabel imur jieħu bukkun. Ma kienx jeħles minnhom qabel ma jgħidilhom dak kollu li rnexxielu jiskopri f'dawk l-aħħar erbat ijiem. U dan kollu konna nisimgħuh dritt minn fomm wieħed mill-uniċi li kellhom ix-xorti li jmorru u jerġgħu jiġu, minflok naqrawh fi ktieb spekulattiv bħalma hu *The five people you meet in heaven*.

# Mill-ktieb tat-tifkiriet
## *'Fjuri li ma Jinxfux'*
**tal-Prof. Oliver Friggieri**




# Is-Sibt jum il-qrar

Fost it-tagħlimiet li ħadna mill-Mużew, kien hemm dik kif nagħmlu l-ewwel qrariet tagħna. Nhar ta' Sibt wara l-erbgħa ta' waranofsinhar, il-knisja kienet tkun mimlija tfal jistennew biex jqerru. Is-subien kienu jkunu fuq naħa u l-bniet fuq oħra. Id-dnubiet ma kellhomx jitħalltu! Serbut twil, kulħadd jistenna u, naħseb, kulħadd itenni dnubietu f'qalbu bl-amment li ma jmurx jinsa xi wieħed minnhom. "Issa mur inħasel u mur qerr," kienet ittennili ommi u, hekk ukoll, lil ħuti, kull nhar ta' Sibt.

"X'se nqerr, Ma?"

"Ma tafx x'għandek tqerr, ibni?"

"M'għandix dnubiet, Ma."

"U mela m'għandekx!" kienet tgħidli. Niesna trabbew iqerru kull nhar ta' Sibt, għallinqas, għax kellhom iħejju ruħhom dejjem bi qrara għat-tqarbina tal-Ħadd; anki jekk ma kellhomx ħtijiet.

"Mel' għidli x'għandi nqerr, Ma."

"Għidlu: qgħadt imqareb, m'obdejtx lil ommi u lil missieri, irrispondejt, m'għamiltx il-*homework*..." Kelli biżżejjed! Irrispondejt jiġifieri weġibt lil ommok wara li widdbitek jew għajtet miegħek. Irrispondejt huwa sinjal ta' nuqqas ta' subordinazzjoni. Meta kont immur lura d-dar, ommi kienet tistaqsini x'penitenza tani.

"Kredu, Ma!"

"Mel' issa ngħiduh flimkien."

Il-quddiesa wkoll konna nisimgħuha flimkien. Matul ix-xhur tal-iskola, kien ikollna quddiesa apposta għalina, nhar ta' Ħadd fis-sebgħa, imma, matul il-btajjel twal tas-sajf, konna nitferrxu xi ftit u mmorru mal-ġenituri tagħna. Nhar ta' Sibt, konna niltaqgħu għall-quddiesa tat-tmienja. Knisja mimlija tfal u, għalhekk, mimlija storbju. Kien iqaddes Dun Ġużepp Grech minn Ħaż-Żabbar. Kien il-Viċi tal-Furjana u kien jgħix f'kamra fis-sagristija. Raġel twajjeb ħafna, qargħi, nervuż tassew, b'nuċċali oħxon u żgħir donnu mwaħħal m'għajnejh. Il-quddiesa kien jiġriha f'inqas minn għoxrin minuta, kien jaħtaf il-kliem u, meta kien jiġi biex idur lejn in-nies waqt il-quddiesa, kien iħares lil hinn xi mkien fil-vojt. Kien mistħi wisq u, forsi, dan kien is-sigriet tan-nervi kbar tiegħu.

Kien jasal il-waqt tal-Konsagrazzjoni u lsienu jeħel, jieqaf sieket għal ftit waqtiet li jidhru siegħa u fil-knisja, ħin bla waqt, kont taħseb li m'hemm ħadd. Kien ilaqlaq il-kliem tal-Konsagrazzjoni u wħud minna kienu jaqbdu jidħku waqt li l-oħrajn minnufih isikktuhom. Imbagħad, jerġa' jibda, jaqbad il-ġirja ta' qabel u jaħrab il-kliem kollu bil-ħatfa. Jieqaf ftit, rasu mistrieħa li issa l-Konsagrazzjoni għaddiet u jerġa' jgħaġġel sal-aħħar.

Fil-knisja, konna ngħibu ruħna qisna konna d-dar u, fid-dar, konna ngħibu ruħna qisna konna l-knisja. Konna perfetti? Qatt u mkien imma l-ambjent ta' madwarna, għalina, kien spazju miftuħ wieħed. Jekk darna kienet ċkejkna, kellna l-ġonna fejn nimirħu. Jekk konna mistħijin, konna nafu li, madwarna, kellna qlub twajba. Konna mfissdin u ma stajniex nixtiequ aktar milli kellna għax ma stajniex nobsru li, wara daharna, kien hemm dinja oħra tistenniena. Wisq inqas bsarna li, mal-ġenerazzjoni tagħna, dan kollu kellu jibda jgħib darba għal dejjem. Hemm kien li bdew jinqatgħu l-għeruq. Hemm kien, fil-fehma tiegħi, li l-progress f'Malta sar ifisser ukoll il-qerda finali ta' nazzjon! Konna fuq ix-xifer tal-ġejjieni u ma ndunajniex. Ma kienx hemm periklu li naqgħu għal isfel. Kellna ħafna min iżommna lura.

Żmien ta' bidla

Il-ħajja familjari għandha, f'kull żmien, ix-xejriet tagħha u, bħal bosta ħwejjeġ oħrajn, dawn ix-xejriet jitbiddlu u, imbagħad, jindifnu fil-bir għammieq li jnessi kollox. Jekk jiġġarrbu fit-tfulija, madankollu, aktarx li jibqgħu maħżunin fil-moħħ għal bosta snin; forsi tul ħajja sħiħa. Ix-xejriet tal-programm tal-familja fil-ħamsinijiet u fis-sittinijiet huma, aktarx, uħud mill-paġni ta' ktieb kbir u antik li kien wasal biex jingħalaq. Meta s-snin sittin waslu biex jintemmu u jibdew is-sebgħinijiet, atmosfera politika differenti kienet tidher li waslet biex iddaħħal fil-pajjiż bidliet kbar u mill-qiegħ. Uħud kienu fidwa, oħrajn qerda.

Minkejja t-tilwim politiku kollu, għalina t-tfal u ż-żgħażagħ tal-ħamsinijiet u tas-sittinijiet, il-ħajja kienet għadha aktarx trankwilla, sielma, rutina ħelwa li ma kinitx iġġegħelna nixtiequ wisq iżjed milli kellna. L-ambjent ġenerali kien kalm, it-traffiku kien għadu ħabib tan-nies tat-triq, il-ħajja kienet għadha ftit jew wisq sempliċi. Lanqas il-ġenituri tagħna ma ddakkru minn ħolm li kienu jafu li ma setgħux jarawh iseħħ fl-għalqa żgħira ta' ħajjithom. Mhux li x-xewqat ma kinux jimirħu fil-qalb, għax il-qalb, bħall-baħar mgħammar mill-ħut, mhijiex qalb jekk ma tixxennaqx. Imma, kollox ma' kollox, trabbejna f'ambjent rassenjat, ħerqan li jkun hieni bih innifsu, kif inhu, bil-ftit li kellu. U x'inhu l-ftit wara kollox? Merħba bih kull titjib imma, sakemm ir-rota ddur, m'hemmx għalfejn tħassib żejjed.

# Grezzju l-iskarpan

***Rakkont ta' Rita Atanasio***



Grezzju kien raġel kwiet, riżervat u ta' ftit kliem. Moħħu dejjem fuq ix-xogħol li jkun qed jagħmel. Kellu kamra mdaqqsa faċċata tad-dar tiegħu li kienet isservih biex isewwi ż-żraben. Kellha xkafef mal-erba' ħitan mimlijin żraben għat-tiswija. Fl-ixkafef t'isfel, kien iżomm il-ġlud ta' kull kulur, vażetti mimlijin imsiemer irqaq, taċċi, kolla, xkupilji u laned żgħar biż-żebgħa taż-żraben.

Hekk kienet ħajtu. Jibda l-ġurnata bis-smiegħ tal-quddies u, wara, jitrejjaq b'biċċtejn ħobż mixwijin u skutella kafè li kienet tlestilu bintu Sina. Sina kienet l-unika tifla ta' Grezzju. Kienet tħobbu wisq lil missierha u, għalih, hija kienet teżor. Sina kienet bieżla u tħenn għall-proxxmu. Darba f'ġimgħa, lin-nies tar-raħal, dawk li jgħixu waħedhom, kienet tistaqsihom jekk għandhomx bżonn xi qadja, tixtrilhom il-mediċini mill-ispiżerija, issajrilhom bukkun u tagħmlilhom il-ħasla.

Iz-ziju Pawlu, ħu omm Sina, kien jgħix l-Awstralja. Kultant, kien jikkorrispondi magħha permezz ta' ittra. Meta ħalla din il-gżira, Pawlu kellu biss għoxrin sena. Kien bniedem ambizzjuż u determinat, jaħdem u jistinka. Kien jagħmel kwalunkwe xogħol li kien isib għax ma kienx jaqta' qalbu. Li kien jaqla' kien ifaddlu u kien jonfoq biss għal dak li hu neċessarju ħalli, meta jasal il-waqt, jirritorna f'art twelidu.

Iż-żmien ma jistenna lil ħadd u għoxrin sena ma jafx kif gerrbu. Sina kienet fil-kċina tipprepara l-ikla ta' nofsinhar xħin semgħet il-qampiena tal-bieb iċċempel. Inħasdet ftit għax ma kienet qed tistenna lil ħadd dak il-ħin. Ixxuttat idejha, neħħiet il-fardal u skantat mhux ftit meta, quddiemha, tara raġel pulit, bil-kappell u b'salt bagalji tas-safar maġenb riġlejh. Sina kienet taf li għandha ziju l-Awstralja imma qatt ma bassret li, xi darba, għad tiltaqa' miegħu hekk, għall-għarrieda. Meta Pawlu telaq lejn l-Awstralja, Sina kienet għadha żgħira.

It-triq fejn kienu joqgħodu ftit li xejn kienet inbidlet u Pawlu beda jiftakar kollox daqslikieku telaq il-jum ta' qabel. Staqsa lil Sina għal missierha. Sadattant, Grezzju kien għaddej b'xogħlu, iwaħħal it-taċċi u jinkolla l-qiegħan taż-żraben. Meta sema' d-diskors, waqaf milli kien qed jagħmel. Deherlu li dak il-leħen kien familjari miegħu. Sema' lil Pawlu jsemmi u jistaqsi għal nies li kienu joqogħdu f'dik it-triq b'laqamhom. Kemm ferħu bih in-nies tar-raħal! Beda jitkellem ma' kull min inzerta għaddej minn hemm dak il-ħin.

"Pawlu, Pawlu! Dan kif? Jien qed nara sew, jew qed noħlom?" għajjat Grezzju minn naħa l-oħra tat-triq. It-tnejn ġrew lejn xulxin u tgħannqu filwaqt li bkew biki ta' ferħ. Wara li ferħu b'xulxin, Grezzju għalaq il-ħanut, sellmu lill-ġirien u daħlu ġewwa fejn komplew jitkellmu u kielu xi ħaġa flimkien. Wara l-ikla, ma setax jonqos li jidħlu jistrieħu ftit. Ma damux wisq ma ftiehmu li Pawlu jibqa' joqgħod magħhom. Iż-żewġt ikmamar li kien hemm fis-sular ta' fuq kienu vojta u ma jintużawx u z-ziju Pawlu għoġbitu l-proposta għax dak ir-raħal kwiet kien jogħġbu.

L-għada filgħodu, Pawlu rħielha lejn il-Belt u, meta ġie lura, kellu erba' basktijiet mimlijin bi ħwejjeġ u affarijiet oħra, kemm għal Sina kif ukoll għal Grezzju. Tgħidx kemm stagħġbu bl-affarijiet li xtralhom iz-ziju Pawlu. Damu ġimgħa jirringrazzjawh. F'għomorhom kollu, qatt ma kienu raw ħwejjeġ ta' dik il-kwalità.

Wara nżul ix-xemx, Grezzju u Pawlu kienu bilqiegħda fuq bank fil-ġnien madwar mejda tonda jgħidu kelmtejn. Wara ftit, lemħu lil Sina ġejja b'*gabarrè* li fuqu kellu s-sett tat-te flimkien ma' biċċtejn kejk tal-frott. Kielu bil-qalb f'dak il-beraħ tal-arja nadifa tas-siġar.

Tkellmu fuq bosta ħwejjeġ sbieħ u tifkiriet tal-imgħoddi. F'daqqa waħda, Pawlu waqaf mid-diskursata u ffoka l-ħarsa tiegħu fil-bogħod. Grezzju ma qal xejn. Qabad il-gazzetta u qagħad jehda jqalleb il-paġni. Waqaf xħin Pawlu dar fuqu u staqsieh għal dar abbandunata f'tarf ir-raħal. Mill-ġnien ta' Grezzju, kienet tidher mhux wisq bogħod. Staqsieh jekk hemmx nies joqogħdu fiha. Grezzju wieġbu li dik kienet ilha għall-bejgħ żmien twil imma qatt ma sabet xerrej għax, għaliha, qed jitolbu prezz li ħadd ma jista' jlaħħaq miegħu jekk, almenu, ma jkunx xi miljunarju. U, f'dak ir-raħal, il-miljunarji kienu skarsi.

Darba fost l-oħrajn, Pawlu fettillu jagħmel dawra mar-raħal. Għadda minn toroq li bdew iġibulu salt memorji ta' tfulitu. Kif wasal il-pjazza, għajnejh waqfu fuq bieb kbir lewn aħdar skur. Kien jidher li dik id-dar kienet ta' xi ħadd tat-tajjeb. Imbagħad lemaħ il-plakka tar-ramm isfar bil-kliem imnaqqxin fuqha. Resaq aktar qrib u, b'sodisfazzjon, ra li, f'dik id-dar, kien joqgħod nutar tar-raħal. Pawlu tbissem ferħan għax sab dak li kien qed ifittex mingħajr ħafna taħbit. Ħabbat il-ħabbata goffa tal-bronż forma ta' ras ta' ljun. Dik il-ħabbata kienet illustrata tleqq u ssebbaħ il-bieb maestuż ta' dik id-dar. Minn ġewwa, instemgħu l-passi resqin lejn il-bieb. Il-bieb infetaħ minn Dora, is-seftura tan-nutar li laqgħetu fl-intrata, staqsietu jekk kellux appuntament u marret tavża lin-nutar li għandu n-nies. Pawlu ma damx jistenna għax, wara daqsxejn, sab ruħu bilqiegħda fl-uffiċċju tan-nutar. Tkellmu fit-tul. Pawlu qallu x'ried u n-nutar spjegalu x'kien hemm bżonn isir. Imbagħad, il-manifk ipprepara d-dokumenti kollha u Pawlu ħtieġlu jiffirma ħemel karti. Mingħand in-nutar, Pawlu ħareġ iktar minn sodisfatt għax kien irnexxielu l-ħsieb ta' moħħu u, issa, dik id-dar abbandunata f'tarf ir-raħal kienet saret proprjetà tiegħu.

Ma damx wisq biex f'dik id-dar beda xogħol estensiv mingħajr waqfien. Fi ftit taż-żmien, bdiet tiġi ttrasformata minn dar mitluqa għal dar għall-anzjani mill-aktar moderna u attrezzata b'dak kollu li huwa meħtieġ u xieraq. Grezzju kien minn tal-ewwel li rtira fiha u bintu, Sina, ġiet inkarigata tmexxiha bl-għajnuna ta' impjegati kwalifikati f'dan il-qasam. L-anzjani tar-raħal issa kellhom moħħhom mistrieħ li, meta ma jkunux iżjed kapaċi jfendu għal rashom, għandhom fejn jinġabru.

Liz-ziju Pawlu kont issibu bilqiegħda fuq bank tal-qasab fil-ġnien. Maġenbu, dejjem kont issib lil Grezzju. Quddiemhom, kellhom għaxqa ta' veduta tal-baħar li ssaħħrek. Għaddew xjuħithom kollha hemm, sodisfatti li, sa fl-aħħar, il-ħolm kollu tagħhom kien sar realtà.

# Betty u Connie

***Novella ta' Lina Brockdorff***



Id-destin wellidhom fl-istess triq f'Tas-Sliema, Strada Karmine. Dak iż-żmien ta' qabel il-gwerra, hawn Malta, rari kont tisma' b'xi omm li tmur twelled l-isptar. Għalhekk qed ngħid li twieldu fl-istess triq; mhux biss, imma joqogħdu, saħansitra, quddiem xulxin. U, għax id-destin jaf ikun kapriċjuż, dawn iż-żewġ ħlejqiet baqgħu għal bosta snin jgħixu fl-istess post. Kieku Hitler u Mussolini ma qalgħux l-inkwiet, x'aktarx li dik it-triq kienet tissemma għal Betty u Connie. Imma tant ġraw affarijiet dak iż-żmien li kulma kien ġdid beda jingħata merħba u l-qadim l-aħjar li jindifen kif indifnu t-tifkiriet ta' dawn iż-żewġ xbejbiet.

Kienu t-tnejn wild il-faqar u, fi tfulithom, marru l-iskola tal-Gvern ta' Tas-Sliema, ftit kantunieri bogħod minn fejn kienu joqogħdu. Għalkemm fl-istess klassi tal-iskola, ftit li xejn kienu jpaċpċu bejniethom għax, minn qaddishom, kienu mistħijin. Qatt ma bbrillaw fl-iskola! Fil-biċċa l-kbira, is-sinjora kienet itellagħhom klassi biex ma jkollhiex problemi ta' *repeaters*. Temmew l-istudju malli spiċċaw l-iskola tal-Gvern, jiġifieri ta' xi erbatax-il sena u, ftit wara, sabu xogħol li kien jgħodd għalihom. Connie daħlet taħdem il-Marsa ma' fabbrika tas-sigarretti waqt li Betty daħlet taħdem ma' ħajjata biex, barra li taqla' xi sold, titgħallem ukoll is-sengħa.

Kienet dik il-ħabta li faqqgħet il-gwerra meta bosta familji ġrew ma' Malta kollha biex ifittxu post għall-kenn. Imma l-familji tax-xbejbiet ma ċċaqalqux minn Strada Karmine għalkemm anki bombi waqgħu hemm. Bl-għajnuna t'Alla, spiċċat il-gwerra meta dawn it-tfajliet kellhom madwar tmintax-il sena. Ta' dik l-età, tistennieha li kull tfajla tibda tfarfar xi ftit rixha. Ma rridx ninsa ngħidilkom li dawn iż-żewġ tfajliet kienu xempju ta' tfajla Maltija fl-eseġerazzjoni tagħha. Betty ftit li xejn kienet tagħti każ figuritha. Barra mill-fatt li x-xogħol tagħha ta' bilqiegħda ma tantx kien jgħinha, bil-ftit il-ftit, bdiet tismen ġmielha filwaqt li Connie kienet magħmula rqieqa u bla ebda figura ta' mara; dik li tista' ssejħilha lasta mlibbsa l-ħwejjeġ.

Betty, li sa dak iż-żmien, kienet tgħallmet tħit sew, ma kinitx tibqa' lura wisq f'ilbiesha. Taqtagħlek tliet jardi drapp mingħand Baġiġa jew mis-Suq tas-Sacro Cuor u, f'kemm ili ngħidlek, ikollha bluża pinġuta fuqha. Mhux hekk, miskina Connie li, bil-paga li kellha, ma tantx setgħet tagħmel arja. Fl-istess ħin, kienet tinduna li dik ta' quddiemha qed tilbes ferm aħjar minnha. U hawn bdiet il-pika. Għax, għalkemm kienu t-tnejn mistħijin u qatt ma tkellmu bejniethom, beda jidher li, minn meta tgħallmet tħit, Betty qisha ħarġet ftit mill-fosdqa tant li, għall-oħra, saret il-mudella u, għalhekk, kienet tipprova timitaha f'kollox. Ma nistax ngħid jekk kinitx pika bejniethom it-tfajliet jew bejn ommijiethom. Naf li, meta nhar ta' Ħadd kienu jmorru Stella Maris għall-quddiesa tad-disgħa, kont tinduna li Betty żanżnet libsa ġdida waqt li, taħt l-għonq ta' xi bluża tas-soltu, Connie waħħlet ċoff kbir; ċoff li kien jinbidel kull nhar ta'Ħadd. Xi drabi, inzertaw ħerġin minn fuq l-għatba ta' biebhom kważi flimkien imma ara taħseb li kienu jsellmu jew biss iħarsu lejn xulxin!

Kien dak iż-żmien ukoll li n-nisa u x-xbejbiet Maltin bdew jinnukklaw xagħarhom. Mhux b'xi xagħar mibrum fuq biċċiet irqaq tal-qasab jew strixxi tal-karti imma kien wasal hawn il-famuż *perm setting* li stajt tmur tagħmlu għand parrukkier inkella stajt ukoll tagħmlu int stess id-dar. Ma kienx jiswa liri kbar u, tista' tgħid, kulħadd seta' jixtri kaxxa, jaqra l-istruzzjonijiet u, wara ftit sigħat, ikollu xagħar innukklat daqs ta' Shirley Temple.

Kienet Betty l-ewwel li ħolmot li tinnokkla xagħarha u ħalli għan-nies kollha tat-triq biex jistagħġbu, jgħiru u ma jaqalgħux għajnejhom minn fuq ras it-tfajla. Billi dawn iż-żewġ familji kienu joqogħdu, sewwasew, quddiem xulxin, bilfors li kellhom moħħhom f'xulxin. Mhux huma biss, imma n-nies tat-triq kollha kellha moħħha fihom. Kellhom dawk it-twieqi bil-persjani tal-injam li, minn warajhom, stajt tħares, tistudja u tissindika kemm trid mingħajr ħadd ma jarak.

M'għaddewx wisq ġranet li, għodwa waħda, Connie ħarġet mill-għatba tad-dar b'xagħar innukklat ukoll. Sadattant, dawn iż-żewġ tfajliet bdew joħorġu filgħaxijiet, dejjem weħidhom, u fejn imorru ħadd ma kien jaf. Ftit wara, għajnejn in-nies tat-triq kważi qabżu minn posthom meta, darba, Betty fettlilha tasal id-dar għal xi t-tmienja labranzetta ma' baħri Ingliż! U din ma kinitx ta' darba imma saret storja ta' kuljum. Għaddew ftit tal-jiem meta Connie rnexxielha hi wkoll taqbad ma' Ingliż, imma mhux ma' baħri. Għażlet suldat. Kemm il-baħri kif ukoll is-suldat ma tantx tawlu. Ġriet il-kelma li r-riġment ta' wieħed kien intbagħat Ċipru mal-bastiment tal-ieħor.

Pika oħra li niftakar sew kienet dik tal-kpiepel. Kien

għadu ż-żmien meta n-nisa kellhom jgħattu rashom meta jidħlu l-knisja. Fil-biċċa l-kbira, tista' tgħid li, għal kuljum u għal nhar ta' Ħadd, kulħadd kien juża velu iswed. Il-kpiepel kienu wżati biss f'okkażjonijiet speċjali. Imma mhux hekk baqgħu jaħsbuha dawn iż-żewġ xebbiet għax, jum fost l-oħrajn, Betty marret il-knisja b'kappell li ridt seba' għajnejn biex tħares lejh. U ħarsu xi ħaġa dawk kollha li marru għall-quddiesa kif ukoll dawk li rawha minn wara l-persjani! M'għandniex xi ngħidu, Connie rat kif għamlet biex xtrat, jew iddubbat jew irranġat, kappell hija wkoll. B'hekk, l-attenzjoni tan-nies bdiet tinqasam bejn waħda u l-oħra. Meta Betty rat li hi, speċi, ma baqgħetx il-kampjun, ivvintat li, mal-kappell iswed, twaħħal fjura ħamra biex xorta tkun differenti mill-oħra. Imma ma damitx weħidha bil-fjura fil-kappell għax, għal fjura tagħha, seħbitha waħħlet tnejn.

Kien riesaq is-sajf meta l-membri tal-Mużew ta' Tas-Sliema avżaw li kienu qed jorganizzaw serje ta' priedki għall-pubbliku li, dak iż-żmien, kienu jissejħu, 'Is-Sajda Mużewmina' u dawn kienu ser isiru fi Pjazza Annunzjata; qrib sew ta' fejn kienu joqogħdu dawk iż-żewġ xbejbiet. Dawn ma kinux isiru ta' spiss u d-diriġenti tal-Mużew kienu jħajru l-aktar liż-żgħażagħ biex imorru. Marru bosta nies, fosthom, kien hemm ukoll Betty u Connie. Tgħidx kemm taqtqu l-ilsna ħżiena għax ħadd ma stenna li Betty u Connie kienu ser jattendu għall-priedki bħal dawk. Għall-ġirien, Betty u Connie kien qishom il-Maddaleni ta' Tas-Sliema.

Wara l-priedki kulħadd seta' jinduna li kien ġara xi ħaġa mhux tas-soltu għax il-piki bdew jonqsu ġmielhom u ż-żewġ tfajliet bdew imorru l-knisja bil-velu iswed, bħal kulħadd. Imma, jum fost l-oħrajn, ġrat ħaġa li żgur ħadd mill-ġirien ma kien qed jistennieha. Għal xi l-għaxra ta' filgħodu, waqfet *taxi* quddiem il-bibien ta' dawk it-tnejn li minnha ħarġet soru żagħżugħa ta' Madre Tereża. Ħabbtet l-ewwel il-bieb ta' Betty u, imbagħad, il-bieb ta' Connie u, wara ftit, stajt tilmaħ lil dawk it-tnejn ħerġin minn darhom iġorru bagoll imdaqqas. Daħlu fit-*taxi* li malajr għabet għalkollox. Kif telqet it-*taxi*, infetħu t-twieqi u l-bibien tat-triq u bosta nies ħarġu jistaqsu fejn marru Betty u Connie.

Naħseb li aktar messhom staqsew: "Issa, li Betty u Connie m'għadhomx iżjed hawn, fuq xiex ser nibdew neħdew aħna n-nies ta' din it-triq?" U dan ma jgħoddx biss għan-nies ta' Triq Karmine, Tas-Sliema!

# Maledetti Poeti

***Kitba ta' Dott. Karmenu Mallia***

Hekk kiteb xi ħadd mill-pajjiż ta' maġenbna; (irrid infisser, l-Italja) forsi niggżu xi wieħed mill-poeti u ħa għalih? Min jaf? Għalhekk, ħadha qatta' bla ħabel? Ma nafx għax, bil-Malti, *maledetti* tfisser misħutin. *Maledetti poeti* huwa t-titlu tal-ktieb tal-poeta Franċiż, Paul Verlaine, *Poètes Maudits,* (poeti misħutin), bl-ewwel edizzjoni li kienet ippubblikata fl-1884. Bil-kelma misħutin, jien żgur li nieħu għalija. Jekk iniex poeta, makkjettista jew għannej ta' versi merħija jew bla sens, jgħidilna biss min jifhem.

Kif inhi din? Min jifhem? Illum, taħwida sħiħa! Poeżiji b'versi maħlulin. Spiċċaw ir-regoli li ssibhom biss flok it-tikħil li hemm mal-oqbra mifruxin fil-pjazez tal-għana minn Omero sal-lum! Kważi spiċċat l-armonija tal-poeti-allat! Il-bniedem bla paċenzja u ma jridx jitla' aktar taraġ bil-mod; irid jgħaġġel bla ma jistenna tarf il-vers li jgħanni; vers li jgħaxxik bir-rima li timlielek qalbek bi kliem mgħobbijin bi ħsibijiet li ttellagħhom bir-rampila ta' ruħek, bħal bandiera ferrieħa li, f'nofs riefnu, tgħidlek: "Sabiħ il-ħsieb jitbandal u jgħum sakemm ir-rima timla bir il-moħħ!" Mexxi u ġerri! Dik hija l-idea ċentrali tal-lum; f'kollox!

Għalfejn noqgħod insemmilkom poeti kbar, minn kull pajjiż, biex nipperswadikom li, bħal kull bint l-arti, illum, il-poeżija wkoll sabet setgħetha? Għalkemm, ngħid jien, mhux għalkollox! Għad hemm min hu artist sa griżmejh; għad hemm poeti li jimxu fuq is-sistema l-qadima. Allura x'nagħżel? Kollox! Iż-żewġ naħat; l-aqwa li l-poeżija tibqa' mgħannqa mal-muża u, fl-istess ħin, tibqa' mdakkra minn nifs tad-disa' mużi u, meta tgħejja, tistrieħ, ftit jew wisq, fuq l-għolja ta' Parnassus; dar il-poeżija, il-letteratura u l-għerf! *Ad libitum*, jiġifieri, kemm trid u kemm jogħġbok, u kif trid ukoll. U suq għax sebaħ, basta jibqa' jsaltan is-sabiħ.

U dak li telagħlu u nfaqa' jgħajjat u jgħajjar lill-poeti ngħidlu: "Ħallina ħabib! Tassew turi li ma tafx kif inhi miexja llum is-soċjetà. Kont ser ngħidlek "Min huma l-*maledetti* jew il-misħutin! Intant il-poeti? Ħallina xbin!" Biss, jekk qed tindunaw, hawnhekk, jien m'iniex nattakka lil Verlaine. Dak inħalluh kwiet għax f'moħħu kellu ħsibijiet oħrajn li huma barra minn dawk li qed nitkellem fuqhom jien.

# The colleague

***A short story by Liz Bajada***



I joined the Civil Service in the mid-seventies and was posted as a clerk in the Audit Office. In those days, a female never aspired going up the career ladder. Nevertheless, after a number of years, I managed to get a promotion and I even had a team of my own to supervise.

One day, the Head of Department called me to his office. There, I also found a tall, fair-haired, neatly dressed, young man in his early twenties. As soon as I walked in, he stood up and bade me good morning. Since my boss had already informed me that he was to be a new addition to my team, I found myself sizing him up. He seemed to be a smart, well mannered person with a pleasant personality. He had a twinkle in his blue eyes and, whenever he smiled, a dimple showed up on the left side of his face.

"Liz," said my superior, "this is Karmenu Galea; the new member of your team whom I already talked to you about. I am leaving him in your good hands to introduce him to the others and to show him the ropes. Look after him well, Please."

"Definitely," I replied but without taking off my eyes the blue-eyed boy and, together, we made our way to my office where bundles of files were waiting in my in-tray to receive attention.

It did not take long to learn more about Karm, as everyone called him. After obtaining a B.A (Hons) degree from the University of Malta, he joined a local bank. But this was not a happy period for him as he had to juggle between his job and looking after his elderly parents who were taken seriously ill. Some months back, both his parents had passed away, almost simultaneously. His only sister lived in Australia with her husband. Left on his own, he had time to review his life and decide whether, perhaps, he wanted to start afresh in a new job. And, when a call for applications for a good post in the Public Service was issued, he applied, sat for the exam, passed and left the banking life.

As Karm was a quick learner, he managed to settle down in his new job very easily. As he was versatile and knowledgeable on many topics, the rest of the staff took to him immediately. Soon after Karm joined us, the World Cup was on. As one would imagine, the previous night's matches and results were the hot conversation topics during lunch break. It was such fun watching Karm organising the pools, keeping records of results and also inviting other colleagues to his house to watch a game.

When somebody found out that cars were one of Karm's passions, his advice was sought regarding some fault which, apparently, could not be easily fixed. Karm offered to call over to have a look and, eventually, he managed to solve the problem. That was the day when Karm found himself to be the Department's nominated chief technical advisor where cars are concerned.

He even enjoyed a good game of five-a-side, loved travelling and also took an active part in the fund-raising activities which we organised on a regular basis from time to time. Coupled with all this, Karm was a good listener, quick-witted, enjoyed being helpful and could put his hand to almost anything. With all these great gifts, it is not surprising that most of the girls could not help falling for this prince charming. If the whole truth must be told, even I had a secret admiration for him but, unlike the other girls at the office, I always managed to keep it to myself. And yet, although he was very kind and very gentle with all around him, as far as I knew, he never dated any of the female staff members.

I was quite confident that I knew Karm very well, both on a personal level and as a working colleague. But this changed suddenly one morning when he walked into my office and said, "Bongu Liz. Can I have a word with you, in private, please?"

He looked quite serious and I was not a little apprehensive. "Sure", was my immediate reply while I led the way to a small room where we usually held interviews. I pointed to a chair in front of me and he sat down crossing his long legs. "I wish you to be the first person to know that I will be handing in my resignation. Seeing that I was taken aback and dumbfounded with this piece of news, he continued: "You see, after my parents passed away, I went to Rome for a short break. There, I got to know an Italian young lady and we have been corresponding since that time. She even comes over for a weekend break whenever that's possible. She is a doctor and she occupies a very good position at the Gemelli Hospital in Rome. When we both realised that this is not just a passing fancy, we started thinking in terms of turning the relationship into something more permanent. I have now decided to go to Rome where I have already found a

post as a teacher of English. If things continue to move in the right direction, I will then look at other options for an even better job."

I did not know what to say. He was a fantastic colleague; hardworking and possessing a pleasant personality. Couldn't he have chosen a Maltese girl? Was there no one to match this Italian paragon? Somehow, I managed to rein in my feelings and said: "Karm, this news certainly comes as a surprise and I cannot say that it is a pleasant one; at least, as far as I am concerned. I will be very sorry to lose you. However, I wish you all the very best of luck and all the happiness which you most certainly deserve." Eventually, Karm worked his notice, a farewell party was organised and goodbyes were said but, when he actually left, everyone knew that life at the office would never be the same again.

It was ten years later, when I decided to take a trip to Italy, that I next saw him. One evening, I was in Piazza Navona sipping a good Italian coffee at one of the many coffee shops that line the square when I felt a light tap on my shoulder. I turned around and there, right in front of me, was a tall white-haired guy with twinkling blue eyes smiling down at me. "Liz?" he asked.

"I can't believe it. You can't be Karm!" was my reply. I opened my arms wide and gave him a big teddy bear hug. The amazement and the pleasant surprise of seeing Karm again after so many years were so great that I totally ignored the two persons who accompanied him.

He introduced the woman standing and smiling next to him as his wife, Maria, while the young girl was their daughter, Rosa whom he had named after his beloved mother. I invited them to join me at the table. They accepted my invitation and, as we chatted along, I learnt that, within a year from his arriving in Italy, he had married Maria and had then managed to get a job with a renowned company as a financial controller. As their apartment was not far from Piazza Navona, they even asked me over for dinner to savour some of Maria's excellent Italian specialities.

Leaving their home that evening, I realised that, even if you feel that you are very close to a person with whom you, basically, spend a good part of the day, you can never say that you know him, or her, very well as everyone of us has that own bit of private life which is not always for sharing.

# Appell

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista, *L-Anzjani Llum,* kull tliet xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani u li għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha, (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll għadd ta' anzjani abbonati.

Permezz ta' din ir-rivista li hija ta' interess u ta' tagħrif siewi għall-anzjani, aħna ninkoraġġixxu lill-anzjani kollha biex ikunu dejjem aktar attivi, kemm fiżikament kif ukoll mentalment.

Għaldaqstant, napprezzaw ħafna jekk tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista ħalli l-iskop fejjiedi tal-Kunsill ikun jista' jkompli jintlaħaq.

Għall aktar tagħrif fuq il-Kunsill wieħed jista' jidħol fil-Website - www.kna.org.mt, fejn issibu aktar rivisti li ħarġu fil-passat u informazzjonijiet utili għalikom.

Grazzi bil-quddiem

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**

JH minn San Ġwann - €20

Is-Sur Alfred Conti Borda (Mosta) - €20

**L-Editur**



# TISLIBA Nru.115

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**

1. Annimal felin Domestiku (6)
5. Taħlita ta' qatran u ramel (6)
10. Nemla Ingliża din (3)
12. Borma mħawda din? (5)
14. Kull mekkaniżmu li jħaddem (5)
15. Annimali tal-baħar li mal-mess jaħarqu (4)
16. Newwel; Qassam (2)
17. Nieqes minn imġieba tajba (5)
19. Insett zgħir li jgħammar fi qtajja taħt l-art (5)
22. Xogħol li waqa' b'lura (8)
24. ....Baba (3)
25. Qatgħa ħbieb (6)
28. Issopona; Induna (5)
31. Isem ta' raġel magħruf bħala ..... tal-Għarb (5)
33. Għandu pil fin (7)
35. Patri mħawwa?! (5)
37. United Nations (1.1)
38. Moħħu hemm; Qed isegwi (6)
39. Biżbetika; Żorra (5)

**Weqfin:**

2. Isem tal-ewwel President ta' Malta (5)
3. Tramm ingliż! (4)
4. Libsa sewda li jilbes qassis (7)
6. Ħabta (5)
7. Kunjom Malti ta' salvinu! (6)
8. Aktar minn żarbun wieħed (6)
9. Waħda mill-erba' rkejjen fi grawnd (6)
11. Lewża Ingliża din (3)
13. Tfaqqigħ tal-idejn b'sinjal ta' ferħ (7)
18. Massaġġar; Tiċpis (4)
20. Temp ikraħ (7)
21. Nofs elieġa (3)
23. Hekk hu; Verament (9)
26. Il-lampa tas-saħħar (6)
27. Biċċa għamara b'żewġ bibien (6)
29 Mwaqqa'; Distrutt (6)
30. Żagħżugħ (6)
32. Trasparenti; Mhux skur (3)
34. Irrabjat; Fastidjat (5)
36. Frott iswed bnin (3)

Premju: It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 114 intrebaħ mis-Sur Paul Zammit – Fgura, Prosit!

---

Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 114

**Mimdudin:** 1. destin, 5. operat, 10. nir, 12. truxa, 14. ardit, 15. frar, 16. si, 17. abbli, 19. aħjar, 22. indurata, 24. ara, 25. estrem, 28. stuta, 31. spara, 33. tremend, 35. ismek, 37. sa, 38. tenent u 39. btala.
**Weqfin:** 2. evita, 3. tina, 4. nordiċi, 6. pruwa, 7. tajbien, 8. maħfra, 9. attard, 11. irs, 13. arbitru, 18. qrar, 20. jassari, 21. art, 23. rassenjat, 26. mużika, 27. xettru, 29. addoċċ, 30. aspett, 32 arm, u 34. ellul



# Titwiliet Għawdxin

*Kitba ta' Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex*

**Gżira oħra**

Mhux kulħadd japprezza li, amministrattivament, Kemmuna tagħmel m'Għawdex. Anzi, fil-fatt, ma' Għajnsielem għax taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali u tal-parroċċa t'hemmhekk.

Biex nibda minn tal-aħħar, l-Arċipriet għandu f'idejh, direttament jew le, il-knejjes parrokkjali Ta' Loretu, (dik kurrenti u l-qadima), dik dedikata lill-Madonna ta' Lourdes, (fejn jiltaqgħu l-kommunità Taljana), dik tal-Franġiskani Ta' Ġieżu, (ta' Sant' Antnin), u, appuntu, il-kappella fuq Kemmuna magħrufa bħala Ta' Santa Marija li għandha dedikazzjoni pjuttost unika: ir-Ritorn tal-Familja Mqaddsa mill-Eġittu. Imma nafu li, qabel, kellha titlu ieħor: dak Tal-Lunzjata.

Żgur li din id-daqsxejn ta' knisja tmur lura għal kmieni fis-seklu sbatax. Madankollu, fil-mużew ta' Greenwich teżisti mappa għall-baħħara li turi kappella fuq dil-gżira u, allura, nistgħu ntawlu l-istorja b'mijiet ta' snin oħra.

Niġu għal żmienna. Il-mibki Dun Karm Xerri għamel 'il fuq minn ħamsin sena jaqsam fuq id-dgħajsa tiegħu biex jaqdi lill-kommunità limitata ta' abitanti ta' Kemmuna li, magħhom, trid iżżid ukoll it-turisti, lokali u barranin, kif ukoll il-ħaddiema f'din l-industrija. Ta' min isemmi tradizzjoni gustuża li, meta r-riħ ma kienx jippermetti, il-ftit familji li kienu jgħixu fuq Kemmuna kienu jterrqu lejn il-blat Tal-Ħmara f'Kemmuna biex, minn hemm, isegwu l-quddiesa tal-obbligu li tkun qed issir fil-kappella Tal-Blat fuq Ħondoq ir-Rummien, fil-limiti tal-Qala.

Prova oħra tal-qedem ta' din il-knisja nsibuha fil-mod kif inhi minn ġewwa, b'separazzjoni bejn il-presbiterju u l-insara li tikkonferma l-oriġini orjentali, jew tal-Ortodossi, għax nimmaġina li hawn qed naraw x'fadal mill-ikonostasi. M'jiniex ser nidħol fl-irqaqat tal-armar li nistgħu ninnotaw, inklużi statwi. Nagħlaq billi nikkonferma li, fis-sajf, reġgħet bdiet issir festa tradizzjonali, saħansitra, bil-banda.



Sintendi, Kemmuna toffri ħafna iktar affarijiet ta' interess, mibnijin u naturali, anki, jekk f'dar-rigward, jidhirli li llaxkajna wisq. Nibda bit-Torri li, wara bosta attentati biex tinħoloq difiża xierqa, kien biss fl-1618 li l-Granmastru Wignacourt inkluda din il-gżira fis-sensiela ta' fortifikazzjonijiet. L-istoriċi donnhom jaħsbu li l-perit kien l-inġinier militari Vitor Cassar. Li hu ċert hu li ntagħżlet naħa addattata, Ras l-Irqiqa, f'għoli ta' xi tmenin metru minn wiċċ il-baħar.

Il-ħitan, ħoxnin sa tmintax-il pied, joffru wens anki lil mitt ruħ flimkien ma' xi żwiemel ukoll. Fil-fatt, maż-żmien, ftit ftit, dan it-torri beda jintuża anki bħala villeġġjatura. Kemmuna saret popolari għall-kaċċa tal-fniek u anki fuq dan hemm ħafna x'tgħid ukoll.

Imma t-torri ta' Santa Marija serva għal skopijiet oħra matul perijodi sussegwenti: bħala ħabs, fir-reżistenza kontra l-Franċiżi, għall-kenn tal-bhejjem u waqt iż-żewġ Gwerer Dinjija. Fl-1982, użawh il-Forzi Armati biex jgħassu kontra l-kuntrabandu u l-kaċċa llegali tal-għasafar minn fuq il-baħar. Imbagħad, għoxrin sena wara, intuża bħala *Chateau d'If* fil-film internazzjonali, Il-Konti ta' Montekristo, bl-attur Jim Caviezel. U allura din il-varjetà kollha wasslet għall-bżonn ovvju ta' restawr; biċċa xogħol kbira li daħlet għaliha Din l-Art Ħelwa u, issa, qed iżommuh miftuħ.

Wara li nsemmi t-Trunċiera u l-Lazzarett, inħares b'mod iktar ġenerali billi ngħid li l-isem ta' Kemmuna, x'aktarx, li oriġina mill-forma li tfakkrek fiż-żerriegħa li ġġib l-istess isem. Hekk jew hekk, il-biedja kellha importanza qawwija u pprovdiet għall-għajxien ta' numru mdaqqas ta' familji. Imma llum, dan l-aspett nistgħu ninsewh għax issa m'għadx hemm abitanti ġodda jgħixu hemmhekk.

M'jiniex se nagħmel xi lista tal-inħawi li verament jgħaġġbuk. Anki Bejn il-Kmiemen biss kien ikun biżżejjed! Il-*Blue Lagoon* toffri opportunitajiet għall-għawm, sajd taħt wiċċ il-baħar u sigħat twal tilgħaq ix-xemx. Imbagħad, tista' tersaq lejn il-Bajja ta' San Niklaw, jew ir-Ramla ta' Santa Marija. Dwar lukandi, ma ngħid xejn peress li, bħalissa, għaddejjin diskussjonijiet dwar proposti ta' żviluppi ġodda.

Lanqas għandna ninjoraw il-fatt li Kemmuna hija riserva naturali tal-għasafar. Il-gżira hija sinjura ġmielha fil-flora u l-fawna u, allura, żgur li jixirqilha iktar rispett. L-istorja tagħha tvarja minn ċentru għat-trobbija tal-ħnieżer għal sett tal-iffilmjar.

Għal-lum nispiċċa billi nirriferi għal dak li ngħoddu bħala żball umoristiku fl-emenda tal-Kostituzzjoni li riedet teskludi li Għawdex jinqasam bejn distretti elettorali. Kif inkitbet, mhux Kemmuna biss tagħmel m'Għawdex imma l-gżejjer l-oħrajn kollha, (ħlief Malta stess), u, allura, anki, pereżempju, Filfla wkoll. Nikkwota: "Għawdex flimkien mal-gżejjer tal-Arċipelagu Malti minbarra l-Gżira ta' Malta."



# Pitturi famużi

*Kitba ta' Vincent Piccinino*

**Pierre-Auguste Renoir 1841 – 1919**

Pierre-Auguste Renoir twieled f'*Limoges*, fi Franza. Missieru kien ħajjat medjokri li, fl-1844, iddeċieda li jitlaq bil-familja b'kollox lejn Pariġi jfittex prospetti aħjar ta' xogħol. Għalkemm iċ-ċkejken Renoir kellu ġibda naturali għat-tpinġija, iktar kien jidher li kellu talent għall-kant. Kien inkoraġġit mis-Surmast li kien jieħu ħsieb il-kor tal-knisja; ħadd ħlief Charles Gounod, il-kompożitur Franċiż tal-*Faust* u opri oħrajn. Imma, minħabba l-qagħda finanzjarja xejn sabiħa tal-familja, Pierre-Auguste kellu jieqaf jattendi l-lezzjonijiet tal-mużika u, ta' tlettax-il sena, beda apprentistat ma' fabbrika tal-porċellana.

Minkejja li kellu talent għal dan it-tip ta' xogħol, Renoir ma tantx kien kuntent bih u, kull meta kien ikollu ftit ħin ħieles, kien ifittex refuġju fis-swali tal-*Louvre*, jammira x-xogħlijiet tal-artisti l-kbar li ġew qablu. Il-proprjetarju tal-fabbrika għaraf it-talent ta' Renoir, tkellem mal-familja tiegħu u Pierre-Auguste beda jieħu l-lezzjonijiet ħalli jipprepara ruħu biex jidħol fl-Iskola tal-Belle Arti ta' Pariġi.



Fl-1862, beda jistudja l-arti u, fost oħrajn, iltaqa' u għamel ħbieb ma' Alfred Sisley u ma' Claude Monet. Dak kien żmien meta Renoir lanqas biss kien ikollu flus biżżejjed biex jixtri l-istoċċijiet taż-żebgħa. Iktar tard, lejn l-aħħar tas-sittinijiet tas-seklu 1800, waqt li kienu jpinġu flimkien barra fil-beraħ, Renoir u sieħbu Monet skoprew li l-kuluri tad-dellijiet mhumiex suwed jew kannella, kif kienu jaħsbu qabel, imma huma rifless tal-kuluri tal-oġġetti li jkun hemm fil-qrib; effett illum magħruf bħala riflessjoni diffuża.



Pierre-Auguste Renoir kien ispirat ħafna minn Camille Pissarro u minn Édouard Manet. Wara sensiela ta' rifjuti għall-wiri fil-*Paris Salon*, Renoir beda jesebixxi x-xogħlijiet tiegħu ma' Monet, Sisley u Pissarro flimkien ma' oħrajn. Matul ħajtu, Renoir pinġa mal-erbat elef kwadru. Dak intitolat *Pont-Neuf*, pinġieh fl-1872. Il-kwadru *Dance at Le Moulin la Galette* kien esebit fl-1876 filwaqt li *Two Sisters on the Terrace* u *Luncheon of the Boating Party* huma tal-1881.



F'dik is-sena stess, Renoir l-ewwel ivvjaġġa lejn l-Alġerija u, imbagħad, mar Madrid biex jara x-xogħlijiet ta' Diego Velazquez. Wara, mar ukoll l-Italja ħalli jkun jista' jara l-kapolavuri ta' Titian ġewwa Firenze kif ukoll dawk ta' Raffaello ġewwa Ruma. Fil-15 ta' Jannar tal-1882, Renoir iltaqa' mal-kompożitur Richard Wagner u pinġa l-*portriat* tiegħu f'ħamsa u tletin minuta.

Meta kiber, Renoir beda jbati mill-artrite imma baqa' jpinġi xorta waħda anki wara li l-artrite llimitatlu l-movimenti tas-swaba' ta' jdejh b'mod sever. Imma l-għidut li, meta kiber, kien ipinġi permezz ta' pinzell imwaħħal mas-swaba' diformati u ggrunċjati ta' jdejh mhuwiex minnu. Renoir baqa' kapaċi jżomm il-pinzell bejn subgħajh sal-aħħar, għalkemm kellu bżonn assistent biex ipoġġihulu f'idu. Mistoqsi għala baqa' jpinġi minkejja l-uġiegħ, Renoir qalilhom: "L-uġiegħ jgħaddi imma s-sbuħija tibqa'!"



Pierre-Auguste Renoir ħalla din id-dinja fit-3 ta' Diċembru tal-1919, fl-età ta' tmienja u sebgħin sena.